DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2057

tat-2 ta' Mejju 2016

dwar l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri SA.29338 (2013/C-30) u SA.44910 (2016/N) favur HSH Nordbank AG

(notifikata bid-dokument C(2016) 2689)

(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) ([1]),

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Fl-20 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni (id-"deċiżjoni tal-2011") ([2]) li tapprova diversi miżuri ta' għajnuna mill-Istat favur HSH Nordbank AG ("HSH" jew "il-bank"). HSH huwa Landesbank Ġermaniż li s-sidien prinċipali tiegħu huma żewġ stati federali Ġermaniżi (il-"Länder" jew is-"sidien pubbliċi"),l-Istat ta' Schleswig-Holstein ("Schleswig-Holstein") u l-Istat tal-Belt ta' Hamburg ("Hamburg"). Dawn il-miżuri kienu jinkludu garanzija fuq it-tieni telf (il-"garanzija") mogħtija mill-HSH Finanzfonds AöR (il-"Finanzfonds" jew il-"fornitur tal-garanzija") fl-ammont nominali ta' EUR 10 biljun. B'mod temporanju, il-Kummissjoni kienet diġà approvat il-garanzija f'deċiżjoni ta' salvataġġ preċedenti, meħuda fl-2009.

(2) Fid-9 ta' Marzu, fit-18 ta' Ġunju, u fis-6 ta' Settembru 2011, HSH kienet qablet mal-fornitur tal-garanzija biex jiġu kkanċellati partijiet tal-garanzija fuq it-tieni telf, b'hekk tnaqqas l-ammont massimu tal-garanzija għal EUR 7 biljun. Konsegwentement, il-pjan ta' ristrutturar li fuqu kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-2011 kien jassumi li l-HSH tħallas il-miżati ta' garanzija biss fuq garanzija ta' EUR 7 biljun. ([3])

(3) Fit-22 ta' Mejju 2013, il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni ta' Schleswig-Holstein u Hamburg li jerġgħu jżidu l-ammont massimu tal-garanzija minn EUR 7 biljun lura għal EUR 10 biljun. Man-notifika, il-Ġermanja ssottomettiet ukoll pjan aġġornat ta' direzzjoni tal-kummerċ fuq perjodu ta' żmien medju tal-HSH għall-perjodu mill-2013 sal-2015.

(4) Bl-ittra datata l-21 ta' Ġunju 2013 (id-"Deċiżjoni tal-ftuħ"), il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja li hija kienet tikkunsidra ż-żieda mill-ġdid tal-ammont massimu tal-garanzija b'EUR 3 biljun bħala għajnuna ġdida, li hija approvata b'mod temporanju, u li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") b'rabta ma' din l-għajnuna.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom.

([1]) ĠU C 315, 29.10.2013, p. 81.
([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/477/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja lil HSH Nordbank AG SA.29338 ((C 264/09, ex N 264/09)) (ĠU L 225, 21.8.2012, p. 1).
([3]) Ara d-deċiżjoni tal-2011, Premessa 48.
([4]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(6) Il-Ġermanja ssottomettiet kummenti dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ permezz tal-ittra datata t-30 ta' Settembru 2013. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

(7) Permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2013, il-Ġermanja ssottomettiet l-ewwel pjan ta' ristrutturar flimkien ma' impenn biex taġġorna dan il-pjan u biex tibbażah fuq suppożizzjonijiet aktar konservattivi wara l-għeluq tal-kontijiet annwali tal-HSH tal-2013. Il-Ġermanja ssottomettiet pjan ta' ristrutturar aġġornat fit-28 ta' April 2014 u, wara laqgħat u korrispondenza ulterjuri, kompliet aġġornat dan il-pjan permezz ta' sottomissjoni fis-17 ta' April 2015.

(8) Fl-iskambji bejn l-awtoritajiet Ġermaniżi u s-servizzi tal-Kummissjoni baqa' mhux ċar jekk dawn il-pjanijiet jeliminax id-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tar-ritorn tal-HSH għall-vijabbiltà. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Ġermaniżi fittxew li jipproponu soluzzjonijiet alternattivi lill-Kummissjoni matul l-2015. Fl-aħħar nett, madankollu, dawn l-ideat ma ġewx segwiti iżjed mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

(9) Fid-19 ta' Ottubru 2015, ir-rappreżentanti tas-sidien pubbliċi, tal-Ġermanja u tal-Kummissjoni laħqu ftehim dwar il-qafas prinċipali għal notifika. Il-miżuri jikkonsistu l-aktar minn qasma tal-bank f'kumpanija azzjonarja u sussidjarja tal-operazzjonijiet fejn din tal-aħħar tkompli l-operazzjonijiet attwali tal-bank. Din is-sussidjarja għandha sussegwentement tinbiegħ, jew, fil-każ ta' bejgħ mingħajr suċċess, twaqqaf negozju ġdid u tamministra l-assi bil-għan li twassal għall-istralċ tagħhom.

(10) Fil-21 ta' Marzu 2016, il-Ġermanja nnotifikat mill-ġdid iż-żieda mill-ġdid tal-2013 tal-garanzija bħala għajnuna għall-bejgħ jew għall-istralċ tal-HSH, inklużi l-impenji korrispondenti ([5]).

2. DESKRIZZJONI

2.1. Il-benefiċjarju

(11) HSH hija kumpanija privata b'ishma konġunti li ġiet stabbilita fl-2003 bħala riżultat tal-amalgamazzjoni bejn dak li qabel kien Hamburgische Landesbank u Landesbank Schleswig-Holstein. Hamburg u Schleswig-Holstein għandhom il-maġġoranza tal-ishma tal-HSH. Flimkien dawn għandhom 85,38 % tal-ishma tal-bank, li huma miżmuma b'mod dirett jew permezz tal-Finanzfonds, istituzzjoni rregolata mid-dritt pubbliku u kkontrollata minn Hamburg u Schleswig-Holstein ([6]). L-Assoċjazzjoni tal-Banek tat-Tfaddil ta' Schleswig-Holstein għandha 5,31 % u grupp ta' disa' trusts fuq parir ta' J.C. Flowers għandu 9,31 % tal-ishma. Għal raġunijiet storiċi, l-HSH għandha żewġ uffiċċji prinċipali, f'Hamburg u f'Kiel.

(12) B'assi totali ta' EUR 105 biljun fit-30 ta' Settembru 2015, l-HSH hija l-ħames l-akbar mis-seba' gruppi Ġermaniżi ta' Landesbanken. Il-bank li jopera prinċipalment fit-Tramuntana u fir-reġjuni metropolitani tal-Ġermanja, jiffoka fuq operazzjonijiet bankarji korporattivi, proprjetà immobbli u operazzjonijiet bankarji privati. Il-kummerċ ma' klijenti korporattivi, kemm dak domestiku kif ukoll dak internazzjonali, jinvolvi, minbarra proġetti ta' enerġija u ta' infrastruttura, l-aktar il-qasam tat-trasport bil-baħar.

(13) Fl-2009, Finanzfonds għamlet injezzjoni ta' kapital ta' EUR 3 biljun fil-bank u fl-istess ħin ipprovdiet garanzija fuq it-tieni telf li kienet tammonta għal EUR 10 biljun b'data effettiva tal-1 ta' April 2009. Barra minn hekk, il-Fond Ġermaniż għall-Istabbilizzar tas-Swieq Finanzjarji (SoFFin) tat lill-HSH garanziji li jkopru ħruġ ġdid ta' dejn ta' mhux aktar minn EUR 17-il biljun. Dawn il-miżuri ta' għajnuna ġew approvati fid-deċiżjoni tal-2011 abbażi ta' pjan ta' ristrutturar u ta' impenji kif ukoll kundizzjonijiet relatati fir-rigward tar-remunerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-piżijiet.

(14) Il-pjan ta' ristrutturar li jinkludi l-impenji tal-Ġermanja kien magħmul minn tnaqqis tal-esponiment tal-bank għall-kummerċ fil-qasam tat-trasport bil-baħar u diversifikazzjoni fi ħdan il-mudell kummerċjali tiegħu. Dan kien jeħtieġ li l-bank ineħħi r-riskju minn fuq il-karta tal-bilanċ tiegħu billi jillimita l-esponiment għal kummerċ ċikliku bħal finanzjament fuq il-qasam tat-trasport bil-baħar u fuq l-inġenji tal-ajru, mill-ġdid joħloq bilanċ fit-taħlita kummerċjali tiegħu permezz ta' enfasi akbar fuq il-kummerċ korporattiv reġjonali u l-proprjetà immobbli, u jistabbilizza l-finanzjament tiegħu billi jnaqqas id-dipendenza fuq il-finanzjament fil-livell tal-operaturi, inkluż f'USD.

([5]) Il-Ġermanja ssottomettiet emenda għall-katalogu tal-impenji, fejn ikkoreġiet żball f'impenn wieħed, fis-27 ta' April 2016.
([6]) Permezz tal-Finanzfonds, iż-żewġ Länder għandhom 65 %; b'mod dirett Hamburg għandha 10,8 % u Schleswig-Holstein 9,58 %.

(15) Matul l-2011, fuq l-inizjattiva tal-HSH, permezz ta' approċċ gradwali, il-limitu ta' EUR 10 biljun tal-garanzija fuq it-tieni telf tnaqqas għal EUR 7 biljun (EUR 1 biljun kull darba f'Marzu, f'Ġunju, u f'Settembru 2011). Dan it-tnaqqis naqqas il-miżati li l-HSH kellha tħallas lil Finanzfonds u kien inkluż fil-pjan ta' ristrutturar li serva bħala bażi għad-deċiżjoni tal-2011.

(16) Għalkemm il-pjan ta' ristrutturar tal-2011 kien jassumi li r-rati tan-noleġġ jirkupraw, fis-sena ta' wara d-deċiżjoni tal-2011, ir-rati tan-noleġġ, b'mod partikolari għall-bastimenti tal-kontejners, naqsu b'madwar terz, bi żviluppi simili jaffettwaw il-valur tas-suq tal-bastimenti. Għalkemm l-HSH naqqset b'mod konsiderevoli l-esponimenti tagħha fil-qasam tat-trasport bil-baħar, il-portafoll ta' self fuq il-qasam tat-trasport bil-baħar baqa' kummerċ ewlieni. Riżultat ta' dan, l-HSH kienet affettwata b'mod serju minn dawn l-iżviluppi li, flimkien mar-rati tal-kambju tal-EUR/USD, kienu l-muturi ewlenin tal-probabbiltà ta' inadempjenza tal-portafoll fil-qasam tat-trasport bil-baħar tal-HSH u, konsegwentement, tal-provvedimenti meħtieġa għal telf mis-self.

(17) Bħala konsegwenza, fl-2013 is-superviżur talab lill-bank ifittex ritorn tal-limitu tal-garanzija bi EUR 3 biljun għal-livell oriġinali tiegħu ta' EUR 10 biljun. Il-Kummissjoni, meta approvat b'mod temporanju din iż-żieda mill-ġdid bħala miżura ta' għajnuna ġdida f'Ġunju 2013, esprimiet dubji, abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ sottomess man-notifika taż-żieda mill-ġdid, fir-rigward tar-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul tal-HSH u staqsiet jekk l-HSH, biex tikseb dan l-għan, kellhiex bżonn taġġusta l-istrateġija kummerċjali tagħha u tikkunsidra azzjonijiet alternattivi ([7]).

(18) Wara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, l-HSH mhux biss kompliet tfalli b'mod sinifikanti l-pjan ta' ristrutturar li kien il-bażi għall-approvazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar fid-deċiżjoni tal-2011 iżda wkoll falliet fid-diversi pjanijiet intermedjarji aġġornati pprovduti lis-servizzi tal-Kummissjoni.

2.2. **Il-miżuri**

2.2.1. *Iż-żieda mill-ġdid tal-limitu tal-garanzija f'Ġunju 2013 (il-"miżura tal-2013")*

(19) Din il-miżura tikkonsisti miż-żieda mill-ġdid tal-limitu tal-garanzija fuq it-tieni telf kif deskritt fil-Premessa 17. Il-garanzija fuq it-tieni telf tfisser li l-garanti huwa responsabbli biss għal rimborż ta' telf fuq il-portafoll garantit li jeċċedi s-segment tal-ewwel telf ta' EUR 3,2 biljun imħallas mill-HSH. Bil-limitu mill-ġdid stabbilit għal EUR 10 biljun, il-garanzija konsegwentement tikkumpensa għal telf fil-portafoll garantit ta' bejn EUR 3,2 biljuni u EUR 13,2-il biljun ([8]).

(20) Il-portafoll garantit kellu valur skont il-kotba inizjali ta' madwar EUR 185 biljun li kien jirrappreżenta madwar 75 % tat-total tal-karta tal-bilanċ tal-bank fl-2009. Ħafna mill-assi garantiti kienu self lil klijenti (inizjalment EUR 115-il biljun) iżda kienu jinkludu wkoll titoli ta' introjtu fiss (inizjalment EUR 27 biljun), self b'obbligazzjonijiet (inizjalment EUR 15-il biljun), garanziji fuq pagamenti (inizjalment EUR 5 biljun), u titoli bbażati fuq assi (inizjalment EUR 9 biljun) ([9]).

(21) Kienu biss madwar EUR 50 biljun f'assi mkejla fi skopertura f'każ ta' inadempjenza ("EAD") ([10]) li baqgħu pendenti taħt il-garanzija fl-aħħar tal-2015. Dawn l-assi li fadal huma kważi esklussivament self lil klijenti l-aktar fis-setturi tal-attivitajiet kummerċjali tat-trasport bil-baħar, ta' dawk korporattivi u tal-proprjetà immobbli.

(22) Pagamenti fi flus mill-garanzija jinqalgħu meta l-assi garantiti finalment jiġu saldati b'telf għall-bank u wara li jiġi kkunsmat il-porzjon sħiħ tas-segment tal-ewwel telf ta' EUR 3,2 biljun. Attwalment, kienu biss madwar EUR 1,6 biljun ta' telf li ġew saldati fuq assi taħt il-garanzija. Barra minn hekk, il-garanzija tipprovdi wkoll effett ta' ktieb pożittiv billi tagħti kumpens fuq provvedimenti għal telf minn self meħud fuq il-portafoll garantit, li jippermetti li l-bank u s-superviżur jikkalkolaw u jimmonitorjaw l-użu "virtwali" tal-garanzija, jiġifieri l-mistennija pagamenti fi flus taħt il-garanzija. Fl-aħħar nett, filwaqt li l-garanzija tkun fis-seħħ, il-piż tar-riskju tal-assi garantiti, soġġett għal diskrezzjoni superviżorja, jonqos b'mod sinifikanti.

(23) Biex tħallas għall-effetti tal-garanzija, l-HSH tħallas primjum fuq bażi annwali ta' 4 % flimkien ma' primjum addizzjonali ta' 3,85 %.

([7]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 54.
([8]) Għal deskrizzjoni ddettaljata tal-garanziji, ara premessi 42 sa 47 fid-deċiżjoni tal-2011.
([9]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 13.
([10]) L-iskopertura f'każ ta' inadempjenza tfisser l-ammont mistenni ta' telf li għalih huwa espost bank fil-każ ta' inadempjenza ta' kontroparti. Dan huwa użat għall-kalkolu tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

(24) Il-primjum fuq bażi annwali ta' 4 % jikkonsisti minn żewġ komponenti — 2,20 % ta' remunerazzjoni u 1,80 % ta' rkupru sħiħ — u jiġi kkalkolat fuq l-ammont massimu pendenti. Bħala riżultat, il-fatt li l-bank juża l-garanzija ma jnaqqasx il-bażi ta' kalkolu għall-primjum ta' garanzija. Il-primjum fuq bażi annwali jeħtieġ li jitħallas mill-HSA sakemm il-garanzija jew tintuża għal kollox jew tiġi kkanċellata sabiex l-ebda garanzija oħra ma tkun pendenti. Skont previżjonijiet attwali, il-portafoll m'għandux jiġi likwidat qabel it-tmiem tal-2025.

(25) Il-primjum annwali addizzjonali ta' 3,85 % irid jitħallas mill-HSH bejn l-2009 u l-2019 — sakemm il-garanzija ma tintużax b'mod sħiħ jew ma tiġix ikkanċellata qabel l-2019 — fuq l-ammont reali ta' telf saldat taħt il-garanzija. L-ammont reali dovut skont dan il-primjum għalhekk ikun magħruf biss ladarba l-garanzija tiġi saldata għal kollox, jew billi tintuża jew billi tiġi kkanċellata. Barra minn hekk, il-primjum addizzjonali huwa soġġett għal garanzija għad-debitu ("Besserungsschein") li tipproteġi l-proporzjon tal-kapital tal-bank. Jekk il-proporzjon ta' ekwità komuni tal-bank jaqa' taħt il-proporzjon minimu ta' 10 %, il-pagamenti tal-proporzjon tal-kapital ta' ekwità bażika ("proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni") għandhom jiġu differiti sa mhux aktar tard mill-[2030-2040] (*). Il-fornitur tal-garanzija għandu d-dritt iċedi d-drittijiet tiegħu għall-primjum addizzjonali f'każ ta' bejgħ b'suċċess tal-bank.

2.2.2. *Il-miżuri tal-2016*

(26) Fil-21 ta' Marzu 2016, il-Ġermanja nnotifikat dawn iż-żewġ miżuri li ġejjin:

(1) Id-diviżjoni tal-HSH f'kumpanija azzjonarja ("HoldCo") u sussidjarja operattiva ("OpCo") u d-distribuzzjoni tal-obbligazzjonijiet ta' ħlas tal-miżata tal-garanzija bejn dawn iż-żewġ entitajiet ("miżura 1 tal-2016")

(2) It-trasferiment ta' EUR 6,2 biljun ta' assi minn OpCo għal-Länder ta' Schleswig-Holstein u l-Belt ta' Hamburg ("Länder") bi prezzijiet tas-suq ("miżura 2 tal-2016").

(27) Id-diviżjoni u t-trasferiment sa mhux aktar minn EUR 6,2 biljun ta' assi ta' skopertura f'każ ta' inadempjenza huma stipulati fl-impenji rilevanti li huma inklużi fil-katalogu ("il-katalogu tal-impenji") li l-Ġermanja ssottomettiet man-notifika tal-21 ta' Marzu 2016 u li huwa anness ma' din id-deċiżjoni (ara Anness I) ([11]).

(28) Taħt il-miżura 1 tal-2016, OpCo se żżomm l-assi u r-responsabbiltajiet operattivi kollha tal-HSH inklużi l-assi koperti minn garanzija, il-garanzija nnifisha u l-liċenzja bankarja. Bħala ħlas ta' miżata għaż-żamma tal-benefiċċju tal-garanzija, OpCo se tħallas 2,20 % tar-remunerazzjoni fuq il-parti mhux użata tal-garanzija ([12]). L-obbligazzjonijiet l-oħra kollha taħt il-kuntratt tal-garanzija għandhom jitħallsu minn HoldCo, jiġifieri l-primjum bażi ta' 2,20 % bħala remunerazzjoni fuq il-parti użata tal-garanzija, il-primjum bażi ta' 1,80 % previst bħala rkupru sħiħ skont id-deċiżjoni tal-2011 u l-primjum addizzjonali ta' 3,85 % inkluż il-Besserungsschein ([13]).

(29) HoldCo se tkun biss kumpanija azzjonarja finanzjarja mingħajr ebda attività kummerċjali operattiva. L-assi ta' HoldCo għandhom jikkonsistu minn tal-anqas 90 % tal-ishma ta' OpCo u likwidità limitata oħra pprovduta minn OpCo ([14]) sabiex jiġu koperti l-ispejjeż operattivi ta' HoldCo u l-pagamenti tal-miżata tal-garanzija meta dawn ikun dovuti. Ir-responsabbiltajiet ta' HoldCo għandhom jikkonsistu mill-obbligazzjonijiet għall-ħlas tal-miżata tal-garanzija akkwistati mal-qasma. Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' falliment ta' HoldCo, għandu jiġi konkluż ftehim ta' subordinazzjoni bejn Holdco u l-fornitur tal-garanzija għal dawn l-obbligazzjonijiet. Taħt dan il-ftehim, kwalunkwe pagament li HoldCo ma tkunx tista' tħallas, jista' jiġi differit għad-data ta' ħlas li jmiss kontra rata ta' imgħax ta' 10 %.

(30) Bħala miżura ta' akkumpanjament, OpCo se titħalla tbigħ portafoll sa mhux aktar minn EUR 6,2 biljun assi għall-iskopertura f'każ ta' inadempjenza lil-Länder bi prezzijiet tas-suq. Dan it-trasferiment jista' jseħħ f'diversi segmenti ([15]). Il-Kummissjoni wettqet verifika indipendenti tal-prezz tas-suq qabel il-bejgħ tal-assi bbażata fuq valutazzjoni tal-assi indipendenti. Jekk kwalunkwe trasferiment iseħħ wara l-aħħar ta' Awwissu 2016, ikun meħtieġ valutazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni tal-valur tas-suq ([16]).

(*) Informazzjoni kunfidenzjali
([11]) Ara l-Punti 2 u 4 tal-katalogu tal-impenji.
([12]) Ara l-Punt 3.1 tal-katalogu tal-impenji.
([13]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12.
([14]) Ara l-Punt 2.3 tal-katalogu tal-impenji.
([15]) Għad-dettalji ara l-Punt 4.2 tal-katalogu tal-impenji.
([16]) Ara l-Punti 4.1 u 4.2 tal-katalogu tal-impenji.

2.3. **L-impenji**

(31) Minbarra l-impenji relatati mal-qasma f'HoldCo u OpCo u d-diviżjoni tal-pagamenti tal-miżata tal-garanzija deskritti fit-Taqsima 2.2.2, il-Ġermanja ssottomettiet impenji ulterjuri. L-ewwel nett, dawn jirrigwardaw l-impenn għall-bejgħ tal-ishma ta' HoldCo f'OpCo permezz ta' proċedura ta' offerti miftuħa, mhux diskriminatorja, kompetittiva u trasparenti sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2018 ([17]). Biex il-privatizzazzjoni tiġi implimentata fil-ħin, l-awtoritajiet Ġermaniżi għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni pjan bi stadji importanti qabel il-bidu tal-proċedura tal-bejgħ ([18]). Jekk il-proċedura tal-bejgħ tkun konkluża b'suċċess b'offerta ta' prezz ħielsa mill-għajnuna u pożittiva (filwaqt li tinżamm il-garanzija), ix-xiri maħsub għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni biex din tal-aħħar tivvaluta l-vijabbiltà tal-entità l-ġdida. Ix-xiri ma jiġix implimentat qabel deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni ([19]). Mal-bejgħ b'suċċess, il-bank għandu jibdel ismu ([20]).

(32) Jekk il-proċedura tal-bejgħ ma tiġix konkluża b'suċċess fiż-żmien stipulat, jiġifieri jekk il-proċedura ma tirriżultax f'offerta ta' prezz ħielsa mill-għajnuna u pożittiva (filwaqt li tinżamm il-garanzija) jew jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-integrazzjoni ta' OpCo fl-entità l-ġdida ma twassalx għal mudell kummerċjali vijabbli fit-tul, il-Ġermanja ħadet l-impenn li OpCo twaqqaf l-attività kummerċjali l-ġdida tagħha u tamministra biss l-assi tagħha bil-għan li jkun hemm stralċ ordnat ([21]). Matul il-perjodu sal-iskadenza tal-bejgħ, l-awtoritajiet Ġermaniżi impenjaw ruħhom li HoldCo tamministra lil OpCo bil-għan li tinżamm il-vijabbiltà, il-kompetittività u l-kapaċità tagħha li tinbiegħ ([22]). Għal dan il-għan, għandhom jitwettqu aktar miżuri biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' OpCo (bl-ispejjeż amministrattivi li ma jeċċedux EUR [570-590] miljun fl-2016 u EUR [520-550] miljun fl-2017), sabiex jiġi msaħħaħ il-bażi kapitali tagħha (pereżempju permezz ta' ġestjoni volontarja ta' obbligazzjonijiet soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni), titwettaq ġestjoni tar-riskju prudenti u ma jitħallsux dividendi jew isiru pagamenti oħra fuq strumenti, bħal strumenti kapitali ibridi, li jiddependu fuq il-profittabilità. ([23]).

(33) Barra minn hekk, it-total fuq il-karta tal-bilanċ ta' OpCo ma għandux jeċċedi EUR [100-110] biljun fl-2016 u EUR [90-100] biljun fl-2017 ([24]). Fir-rigward tal-finanzjament tal-bastimenti, OpCo se tkompli tnaqqas dawk l-attivitajiet u tirrestrinġi l-attività kummerċjali ġdida tagħha f'dak il-qasam għal EUR [1-2] biljun ([25]). Il-Ġermanja, barra minn hekk, ħadet l-impenn li tkompli tikkonforma ma' whud mill-impenji annessi mad-deċiżjoni tal-2011, bħal pereżempju OpCo ma twettaqx attivitajiet ta' finanzjament fis-settur tal-inġenji tal-ajru ([26]), ma twettaqx tkabbir estern billi takkwista kontroll fuq kumpaniji oħrajn ([27]), ma twettaqx kummerċ proprjetarju ddedikat ([28]), u ma tirreklamax l-għoti ta' għajnuna mill-Istat jew il-vantaġġi li jirriżultaw meta mqabbla mal-kompetituri ([29]).

(34) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja ħadet l-impenn li OpCo tkun konformi ma' ċerti punti ta' riferiment ta' likwidità ([30]) u mar-restrizzjonijiet fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-impjegati ta' OpCo u l-membri tal-bords tagħha u ta' korpi oħrajn. Għaldaqstant, ir-remunerazzjoni totali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-individwi ma għandhiex teċċedi l-15-il darba s-salarju medju nazzjonali fil-Ġermanja jew 10 darbiet is-salarju medju ta' HSH Nordbank (qabel il-qasma) ([31]).

2.4. **Ir-raġunijiet sabiex jingħata bidu għall-proċedura**

(35) Kif imsemmi fil-Premessi 2 u 15, l-ammont massimu tal-garanzija tniżżel għal EUR 7 biljun fl-2011 iżda kellu jerġa' jiġi miżjud lura għal-livell inizjali ta' EUR 10 biljun f'Ġunju 2013 minħabba d-deterjorament tas-suq tat-trasport bil-baħar mill-2011 (ara Premessi 16 u 17).

([17]) Ara l-Punt 5.1 tal-katalogu tal-impenji.
([18]) Ara l-Punt 5.4 tal-katalogu tal-impenji.
([19]) Ara l-Punt 5.7 tal-katalogu tal-impenji.
([20]) Ara l-Punt 5.8 tal-katalogu tal-impenji.
([21]) Ara l-Punt 5.9 tal-katalogu tal-impenji.
([22]) Ara l-Punt 6 tal-katalogu tal-impenji.
([23]) Ara l-Punt 6 a) sa e) tal-katalogu tal-impenji.
([24]) Ara l-Punt 7.1 tal-katalogu tal-impenji.
([25]) Ara l-Punt 7.5 tal-katalogu tal-impenji.
([26]) Ara l-Punt 7.2 tal-katalogu tal-impenji.
([27]) Ara l-Punt 8 tal-katalogu tal-impenji.
([28]) Ara l-Punt 10 tal-katalogu tal-impenji.
([29]) Ara l-Punt 12 tal-katalogu tal-impenji.
([30]) Ara l-Punt 11 tal-katalogu tal-impenji.
([31]) Ara l-Punt 14.2 tal-katalogu tal-impenji.

(36) Il-Ġermanja tat notifika taż-żieda mill-ġdid. Hija ħadet il-pożizzjoni li l-garanzija kienet tikkostitwixxi għajnuna, iżda esprimiet dubji kemm id-dħul mill-ġdid ta' ammont massimu ta' EUR 10 biljun kellu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna ġdida peress li kien diġà ġie approvat eżattament l-istess limitu massimu fid-deċiżjoni tal-2011 ([32]). Hija kompliet targumenta li, anki jekk il-Kummissjoni kellha tikkunsidra ż-żieda mill-ġdid bħala għajnuna ġdida, din kienet diġà tinstab kompatibbli skont id-deċiżjoni tal-2011 ([33]).

(37) Madankollu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ż-żieda mill-ġdid kienet tikkostitwixxi għajnuna ġdida fid-Deċiżjoni tal-ftuħ. Qabel xejn, iż-żieda tal-garanzija ngħatat mill-Finanzfonds, proprjetà ta' Hamburg u Schleswig-Holstein, b'ħekk kienet ġejja minn riżorsi tal-Istat u tappoġġa bank attiv internazzjonalment, bir-riżultat li ħalliet effett fuq il-kompetizzjoni fis-settur bankarju u kellha impatt fuq il-kummerċ fl-Unjoni ([34]). Peress li l-garanzija b'dawn il-kundizzjonijiet ma kinitx tingħata minn investitur privat, dan ta lil HSH vantaġġ li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. ([35]).

(38) It-tieni, għalkemm il-Ġermanja ħadet il-pożizzjoni li ż-żieda mill-ġdid ma setgħetx titqies bħala għajnuna ġdida minħabba li l-ammont massimu ta' EUR 10 biljun kien diġà ġie approvat bid-deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni spjegat fid-Deċiżjoni tal-ftuħ li l-kanċellazzjoni ta' garanzija hija ta' karattru vinkolanti u li kwalunkwe dħul mill-ġdid kellu jiġi kkunsidrat bħala ftehim ġdid bejn garanti u detentur ta' garanzija, abbażi ta' valutazzjoni ekonomika ġdida tal-fatturi tar-riskju li setgħu nbidlu matul iż-żmien. Peress li żieda fl-ammont massimu tal-garanzija ma kinitx prevista fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija approvata bid-deċiżjoni tal-2011, dan kien jeħtieġ bidla fit-termini u l-kundizzjonijiet preċedenti. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li ż-żieda kienet l-għoti ta' garanzija ġdida ([36]).

(39) Fir-rigward tal-kompatibbiltà temporanja tal-għajnuna, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fid-Deċiżjoni tal-ftuħ fuq l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE li jistipula li l-għajnuna mill-Istat tista' titqies kompatibbli mas-suq intern fejn tkun maħsuba biex "tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta' Stat Membru". Fid-dawl tas-sitwazzjoni fraġli tas-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li analiżi tal-HSH tista' taffettwa b'mod dirett is-swieq finanzjarji u b'ħekk l-ekonomija kollha tal-Ġermanja ([37]). Fir-rigward tal-prinċipji applikabbli għall-għajnuna mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għamlet referenza għall-Punt 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008 ([38]), li fiż-żmien tad-Deċiżjoni tal-ftuħ kienet ġiet aktar elaborata fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni ([39]) u fil-Komunikazzjonijiet dwar l-Estensjoni tal-2010 u l-2011 ([40]).

(40) Kif imsemmi, fl-2013 il-Ġermanja sostniet li, anke kieku l-Kummissjoni kellha tqis iż-żieda tal-limitu massimu tal-garanzija bħala għajnuna ġdida, din kienet diġà nstabet kompatibbli taħt id-deċiżjoni tal-2011 b'ħekk il-Kummissjoni issa tkun marbuta b'din il-valutazzjoni u ma tistax tasal għal konklużjoni differenti ([41]).

(41) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni spjegat li, għalkemm fl-2011 kienet fil-fatt iddeċidiet li l-ammont massimu ta' EUR 10 biljun kien kompatibbli mas-suq intern, din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-garanzija tal-Kummissjoni kif innotifikat mill-Ġermanja fit-30 ta' April 2009 u fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika ta' dak iż-żmien meta adottat id-deċiżjoni tal-2011 u tal-previżjonijiet finanzjarji li l-HSH ippreżentat bħala bażi għall-eżaminazzjoni f'dik id-deċiżjoni. Għaldaqstant, il-pjan ta' ristrutturar f'dak iż-żmien kien jassumi li l-HSH tħallas il-miżati ta' garanzija biss għal garanzija ta' EUR 7 biljun ([42]).

(42) Il-Kummissjoni rrimarkat ukoll fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha li l-fatturi rilevanti għall-valutazzjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna ġdida kienu rilevanti wkoll għall-valutazzjoni preċedenti iżda li kellhom jiġu eżaminati fil-forma attwali tagħhom. F'dan l-isfond, b'mod partikolari l-valutazzjoni dwar il-vijabbiltà tal-HSH, hija kellha tikkunsidra s-sitwazzjoni ekonomika prevalenti sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna ([43]).

([32]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 30.
([33]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 31.
([34]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessi 38 u 39.
([35]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 40.
([36]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 41.
([37]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 45.
([38]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti (ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8).
([39]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa (ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2).
([40]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, wara l-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 329, 7.12.2010, p. 7), u Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 356, 6.12.2011, p. 7).
([41]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 47.
([42]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 48.
([43]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 49.

(43) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni rrimarkat li s-sitwazzjoni ekonomika fis-settur tat-trasport bil-baħar — attività ewlenija tal-HSH u għalhekk diġà identifikata bħala problematika għall-vijabbiltà tal-bank fid-deċiżjoni tal-2011 — sadanittant kompliet iddeterjorat. Għaldaqstant, il-kriżi fis-settur tat-trasport bil-baħar kienet itwal u aktar profonda milli mistenni, affettwat l-affidabbiltà tal-finanzjament ta' bastimenti b'mod ġenerali u rriżultat f'żieda ta' assi mwieżna bir-riskju miżmuma mill-HSH ([44]).

(44) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni rrimarkat ukoll li ż-żieda tal-garanzija tirriżulta f'pagamenti oġħla ta' miżati tal-garanzija ta' madwar EUR 1 biljun u li dawn l-ispejjeż addizzjonali jkollhom effett sinifikanti fuq il-profittabilità futura tal-HSH ([45]).

(45) Għalkemm il-miżati tal-garanzija addizzjonali ġew inkorporati fil-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ sottomess mannotifika taż-żieda mill-ġdid tal-garanzija fl-2013, il-Kummissjoni ddubitat fis-sodezza tas-suppożizzjonijiet li fuqhom kien ibbażat il-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ u rrimarkat ukoll li ma kienx hemm xenarju ta' stress aġġornat. Fid-dawl tan-nuqqas ta' HSH li tilħaq il-previżjonijiet finanzjarji tal-każ bażi tal-pjan ta' ristrutturar tal-2011 u li tiżviluppa attivitajiet kummerċjali ġodda sal-punt mistenni, il-Kummissjoni staqsiet jekk kienx hemm il-ħtieġa li tiġi aġġustata l-istrateġija kummerċjali tagħha u jekk għandhomx jittieħdu azzjonijiet alternattivi biex tiġi rkuprata l-vijabbiltà tagħha fuq tul ta' żmien ([46]).

(46) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni esprimiet dubji li l-HSH tirkupra l-vijabbiltà kif mistenni fid-deċiżjoni tal-2011 u talbet għal aktar informazzjoni li tikkorrobora l-assunzjonijiet tal-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ u l-prospetti sottomessi għas-swieq tat-trasport bil-baħar kif ukoll għal evidenza li l-miżati ta' garanzija addizzjonali ma jkunux eċċessivi għall-kapaċitajiet finanzjarji tal-bank anki f'xenarju ta' stress ([47]).

(47) Il-Kummissjoni, madankollu, ma esprimietx dubji fid-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet jew dwar il-miżuri tal-kompetizzjoni approvati mid-deċiżjoni tal-2011 u ddikjarat li, peress li l-għajnuna l-ġdida baqgħet fil-konfini tal-miżura approvata fl-2011, dawn il-miżuri kienu għadhom adegwati f'dan l-istadju ([48]). Fid-dawl tal-ħtieġa taż-żieda tal-garanzija u l-fatt li r-remunerazzjoni kienet ikkunsidrata xierqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna kienet b'mod temporanju kompatibbli mas-suq intern ([49]).

3. **KUMMENTI MILL-ĠERMANJA**

(48) Il-Ġermanja fil-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ ([50]) reġgħet saħqet, l-ewwel nett, il-pożizzjoni inizjali li ż-żieda mill-ġdid tal-garanzija ma kinitx miżura ta' għajnuna ġdida peress li ż-żieda mill-ġdid ma kinitx teċċedi l-limitu ta' EUR 10 biljun approvat bid-deċiżjoni tal-2011. Għaldaqstant, din il-pożizzjoni ma tbiddlitx bil-fatti li t-tnaqqis kellu effett vinkolanti jew li l-kuntratt tal-garanzija ma kienx jipprovdi għal żieda mill-ġdid u kellu jiġi kkunsidrat bħala ftehim ġdid. Fil-fehma tal-Ġermanja, l-effett ekonomiku taż-żieda mill-ġdid fuq is-sitwazzjoni tal-Länder bħala garanti kien deċiżiv, u s-sitwazzjoni tagħhom ma nbidlitx bħala konsegwenza taż-żieda mill-ġdid, b'mod partikolari peress li ma kienx hemm probabbiltà akbar sinifikanti tal-użu tas-segment tal-garanzija miżjud mill-ġdid. Barra minn hekk, iż-żieda mill-ġdid kienet fil-biċċa l-kbira kompatibbli mal-garanzija sħiħa inizjali li l-Kummissjoni kienet diġà analizzat fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-2011, mhux biss abbażi tal-każ bażi, iżda wkoll abbażi tal-aħjar xenarju possibbli ([51]).

(49) It-tieni nett, il-Ġermanja kkonfermat il-fehma preċedenti tagħha li ż-żieda mill-ġdid, anki jekk tikkwalifika bħala għajnuna ġdida, kienet koperta mir-raġunijiet li waslu għall-approvazzjoni fl-2011 kif innotat il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-ftuħ meta ddikjarat li ma kellha l-ebda dubju — f'dak l-istadju — li l-miżuri tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u tal-kompetizzjoni kkunsidrati xierqa u suffiċjenti fid-deċiżjoni tal-2011 kienu għadhom adegwati fid-dawl tal-fatt li l-għajnuna l-ġdida tagħmel parti mill-konfini tal-miżuri approvati fid-deċiżjoni tal-2011 ([52]). Skont il-Ġermanja, il-Kummissjoni hija marbuta bir-raġunijiet li hija stess kienet indikat fl-approvazzjoni għall-għajnuna fid-deċiżjoni tal-2011.

([44]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 50.
([45]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 52.
([46]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessi 53 u 54.
([47]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa (56).
([48]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa (57).
([49]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa (63).
([50]) Il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti — li jirriflettu l-pożizzjoni konġunta tal-Ġermanja, ta' Schleswig-Holstein, ta' Hamburg u ta' HSH — permezz tal-ittra tat-30 ta' Settembru 2013.
([51]) Ara pereżempju Premessa 61 tad-deċiżjoni tal-2011.
([52]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 57.

(50) It-tielet nett, il-Ġermanja ssottomettiet li ż-żieda mill-ġdid tal-limitu tal-garanzija appoġġat l-iskop tar-restawr tal-vijabbiltà fit-tul tal-HSH u, barra minn hekk, kienet konformi mal-miri tal-pjan ta' ristrutturar approvati fl-2011. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja ddikjarat li ma kien hemm l-ebda raġuni biex tiġi ddubitata l-vijabbiltà fit-tul tal-bank u s-sostenibbiltà tal-mudell kummerċjali tiegħu. Hija sostniet li d-devjazzjonijiet mill-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ li seħħew minn dak iż-żmien ma kinux jiġġustifikaw konklużjonijiet oħrajn. Id-differiment tal-kanċellazzjonijiet parzjali tal-garanzija b'sentejn jew bi tliet snin jiżgura mudell kummerċjali aktar sostenibbli u anqas riskjuż, fid-dawl tal-kriżi persistenti fis-settur tat-trasport bil-baħar u b'kunsiderazzjoni għar-rekwiżiti superviżorji. Il-pagamenti ta' miżati aktar għolja li l-bank irid iħallas bħala konsegwenza taż-żieda mill-ġdid tal-garanzija jkunu sostenibbli għalih minħabba li dan għandu bażi kapitali suffiċjenti u fid-dawl tal-miżuri l-oħra inklużi fil-pjan ta' ristrutturar approvat bid-deċiżjoni tal-2011.

(51) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja rrimarkat li l-ħtieġa għal żieda mill-ġdid fil-garanzija kienet ikkawżata minn fatturi eżoġeni bħall-kriżi finanzjarja kontinwa, ir-rekwiżiti regolatorji miżjuda għall-istituzzjonijiet finanzjarji u l-bidla fl-istandard kontabilistiku tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju ("IFRS") għall-kalkolu tal-kwoti tal-kapital.

(52) Wara li għamlet dawn il-kummenti, il-Ġermanja kompliet taħdem mill-qrib mal-Kummissjoni u ssottomettiet diversi pjanijiet tar-ristrutturar aġġornati. L-ewwel wieħed ġie ppreżentat f'Diċembru tal-2013, pjan ta' ristrutturar emendat ġie ppreżentat b'suppożizzjonijiet aktar prudenti f'April tal-2014 u aġġornament ulterjuri tal-ippjanar kummerċjali ntbagħat f'April tal-2015. Barra minn hekk, meta dawn il-pjanijiet ma naqsux id-dubji tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jirrestawraw il-vijabbiltà tal-HSH, l-awtoritajiet Ġermaniżi fittxew soluzzjonijiet oħrajn. Sussegwentement dawn l-isforzi rriżultaw fil-qafas ewlieni tal-miżuri tal-2016 li l-Ġermanja kellha qbil dwaru mal-Kummissjoni f'Ottubru tal-2015.

(53) Konsegwentement, fil-21 ta' Marzu 2016, il-Ġermanja nnotifikat mill-ġdid iż-żieda mill-ġdid tal-garanzija tal-2013 bħala għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-bejgħ tal-HSH jew, fin-nuqqas ta' dan il-bejgħ, l-istralċ tal-HSH.

4. IL-VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI

(54) Fir-rigward tal-miżura tal-2013, jiġifieri ż-żieda mill-ġdid tal-garanzija minn EUR 7 biljun għal EUR 10 biljun li kienet ġiet approvata b'mod temporanju fid-Deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni diġà ddeċidiet li dik il-miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([53]). Għalkemm il-Ġermanja, fil-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ (ara Premessa 49), ikkunsidrat li ż-żieda mill-ġdid ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna ġdida — u, anki jekk kienet, din kienet koperta mir-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni fl-2011 — hija ma komplietx tisħaq fuq dawn il-pożizzjonijiet u lanqas ma ressqet provi favur tagħhom. Fl-aħħar nett, bin-notifika mill-ġdid taż-żieda mill-ġdid "bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE" ([54]) li għandha tintuża għall-bejgħ jew l-istralċ tal-HSH, il-Ġermanja kkonfermat l-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Bħala konsegwenza, fid-deċiżjoni attwali l-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjoni tagħha fid-Deċiżjoni tal-ftuħ dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'dik il-miżura u tagħmel dan għar-raġunijiet stabbiliti f'din id-deċiżjoni u mingħajr ebda valutazzjoni mill-ġdid.

(55) Madankollu, il-Kummissjoni għad trid tivvaluta jekk hemmx għajnuna fil-miżuri tal-2016 ([55]).

(56) Fl-aħħar, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk il-miżuri ta' għajnuna kkonċernati — il-miżura tal-2013 u l-miżura tal-2016 (jekk fihom għajnuna) — jistgħux jiġu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern.

4.1. L-eżistenza tal-għajnuna fil-miżuri tal-2016

(57) Il-Kummissjoni tosserva li, skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-ebda għajnuna mill-Istat addizzjonali mhu se tingħata bħala parti mill-miżuri tal-2016.

(58) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għajnuna mill-Istat tfisser "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri". Miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' din id-dispożizzjoni jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati: (a) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat; (b) din trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; (c) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (d) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u jkollha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

([53]) Ara Premessi 37 u 38.
([54]) Ittra ppreżentata man-notifika mill-Ġermanja fil-21 ta' Marzu 2016.
([55]) Ara Taqsima 2.2.2.

(59) Fir-rigward tar-riżorsi tal-Istat, il-miżura 1 tal-2016 fiha kemm klawżola ta' subordinazzjoni kif ukoll mekkaniżmu ta' differiment parzjali għall-obbligazzjonijiet tat-tariffi tal-garanzija għas-sidien pubbliċi. Dawn ġew inklużi sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' insolvenza fir-rigward ta' HoldCo. Dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet li huma pagabbli lis-sidien pubbliċi bħala remunerazzjoni u, jekk il-miżura 1 tal-2016 tat vantaġġ lil HSH, dawn l-elementi jistgħu jinvolvu telf tar-riżorsi tal-Istat.

(60) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żewġ miżuri tal-2016 jinvolvu riżorsi tal-Istat, il-miżura 1 tal-2016 permezz tal-ftehim ta' subordinazzjoni u l-mekkaniżmu ta' differiment parzjali tal-miżati dovuti bħala remunerazzjoni għall-garanzija skont id-deċiżjoni tal-2011 u l-miżura 2 tal-2016 permezz tal-flus imħallsa mil-Länder lil OpCo bi tpattija għall-assi ttrasferiti.

(61) Il-miżura 2 tal-2016, ix-xiri ta' assi mil-Länder, hija miżura meħuda mill-Istat. Il-miżura 1 tal-2016, il-modifika tal-istruttura tal-ħlas tal-miżati, hija imputabbli lis-sidien pubbliċi ta' Finanzfonds u b'hekk lill-Istat. Din l-imputabbiltà tidher fil-fatt li din il-modifika hija parti minn pakkett akbar ta' miżuri li l-Länder kienu involuti b'mod attiv fit-tfassil tiegħu.

(62) Il-miżuri tal-2016 huma favur l-HSH biss. Għaldaqstant dawn huma selettivi. Huma għandhom il-potenzjal li jfixklu l-kompetizzjoni billi jipprevjenu l-eżitu normali tal-forzi tas-suq. Huma jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba n-natura liberalizzata tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni.

(63) Sabiex tiġi determinata n-natura tal-għajnuna tal-miżuri tal-2016, il-Kummissjoni għalhekk trid tivvaluta l-kwistjoni dwar jekk l-HSH tingħatax vantaġġ addizzjonali bil-miżuri tal-2016 li jestendu lil hinn mill-vantaġġ diġà mogħti lilha bil-miżura tal-2013.

(64) Qabel ma tkun tista' tivvaluta l-kwistjoni ta' vantaġġ addizzjonali fil-miżuri tal-2016, il-Kummissjoni teħtieġ li tfakkar il-funzjonament tal-garanzija biex tkun f'pożizzjoni li tivvaluta l-impatt li l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-2016 kif proposti għandu jkollha fuq il-ħidma tal-garanzija.

4.1.1. *Mekkaniżmi tal-garanzija u tal-impatt tal-miżuri tal-2016*

(65) Il-garanzija fuq it-tieni telf kif approvata fid-deċiżjoni tal-2011 tieħu l-forma ta' titolizzazzjoni sintetika. Dan ifisser li l-portafoll sħiħ taħt il-garanzija huwa maqsum b'mod artifiċjali fi tliet segmenti:

(1) is-segment subordinat jew il-parti tal-ewwel telf ta' EUR 3,2 biljun li huwa kopert b'mod sħiħ mill-bank u li diġà ġie mħassar;

(2) is-segment intermedju jew il-parti tat-tieni telf ta' EUR 10 biljun li huwa ggarantit mill-Istat (EUR 7 biljun pendenti mill-2011 u EUR 3 biljun addizzjonali approvati b'mod temporanju fid-Deċiżjoni tal-ftuħ); kif ukoll

(3) is-segment superjuri.

(66) Il-preżenza tal-garanzija għandha żewġ gruppi ta' effetti ewlenin, jiġifieri, effetti fuq il-kontabbiltà taħt l-IFRS u effetti fuq ir-rekwiżiti tal-kapital skont ir-regoli regolatorji u prudenzjali kif applikati mis-superviżur.

Effetti kontabilistiċi

(67) L-ewwel nett, il-garanzija tikkumpensa għal telf globali meħud fuq il-portafoll garantit ta' aktar minn EUR 3,2 biljun u ta' anqas minn EUR 13,2-il biljun ([56]).

(68) Sakemm l-assi garantiti għadhom fuq il-karta tal-bilanċ, indebolimenti u provvedimenti meħuda fuq dawn l-assi skont l-IFRS għandhom jiġu bbilanċjati minn oġġett ta' kumpens tal-istess ammont. Huwa biss meta l-assi jkunu finalment saldati u jisparixxu mill-karta tal-bilanċ biex jiġi kkristalizzat it-telf li jirriżulta, li t-talbiet għal kumpens taħt il-garanzija huma fil-fatt mħallsa fi flus kontanti.

([56]) It-telf jiġi kkumpensat b'mod sħiħ wara li l-parti tal-ewwel telf ta' EUR 3,2 biljun mill-bank ikun ġie użat kompletament u sa ammont massimu ta' EUR 10 biljun. Fil-fatt, kull Euro mitluf fuq il-portafoll garantit bejn EUR 3,2 biljun flimkien ma' Euro wieħed ta' telf u EUR 13,2-il biljun ta' telf jitħallas lura lill-bank mill-fornitur tal-garanzija.

(69) Dawn it-tipi differenti ta' talbiet għal kumpens taħt il-garanzija jwasslu għal miżuri differenti għall-użu tal-garanzija:

(1) L-ammont tal-garanzija li attwalment huwa fil-fatt użat (l-"ammont fil-fatt użat") jikkorrispondi mal-ammont ta' telf saldat fuq il-portafoll garantit fi żmien partikolari. Fl-aħħar tal-2015, EUR [1,2-2,0] biljun ta' telf huma fil-fatt saldati. Huwa magħruf li dan l-ammont għandu jikber bi EUR [2-3] biljun fl-2016 abbażi tat-talbiet li attwalment qegħdin fil-proċess tas-saldu.

(2) Min-naħa l-oħra, l-ammont mhux użat tal-garanzija (l-"ammont mhux użat") huwa l-ammont li għadu disponibbli għal aktar telf, f'dan il-każ EUR [8,2-10,0] biljun (EUR 10 biljun garanzija globali mnaqqsa bid-differenza bejn EUR [3,2-5,0] biljun ta' telf saldat u magħruf u EUR 3,2 biljun tal-parti tal-ewwel telf).

(3) L-ammont totali tal-garanzija użat (l-"ammont totali użat") jirreferi għall-ammont tal-garanzija li jkun tħallas la darba jkun ġie stabbilit il-portafoll kollu li fil-bidu jkun taħt garanzija. S'issa ma jistax ikun magħruf l-ammont totali użat.

(4) L-aħjar approssimazzjoni għall-ammont kollu użat illum huwa l-użu virtwali tal-garanzija (l-"użu virtwali") ikkalkolat bħala l-ammont attwali użat flimkien mal-proviżjonament skont l-IFRS fuq il-portafoll taħt il-garanzija. Attwalment, l-użu virtwali huwa ta' EUR [6-8] biljun (EUR [9,2-11,2] biljun tal-ammont fil-fatt użat flimkien mal-proviżjonament nieqes EUR 3,2 biljun tal-parti tal-ewwel telf). Il-bank jikkalkula wkoll l-ammont użat totali stmat (l-"ammont użat totali stmat").

(70) Hemm żewġ komponenti ta' miżati li għandhom jitħallsu għall-garanzija: il-primjum bażi ta' 4,00 % (il-"primjum bażi") u l-primjum addizzjonali ta' 3,85 % (il-"primjum addizzjonali"). Il-bażi tal-kalkolu għall-primjum bażi huwa l-ammont globali tal-garanzija pendenti, EUR 10 biljun. Il-bażi tal-kalkolu għall-primjum addizzjonali huwa l-ammont globali użat li għadu ma jistax ikun magħruf ([57]).

(71) Skont l-IFRS, miżati mħallsa fuq garanzija pendenti huma interpretati bħala primjums tal-assigurazzjoni u jġibu magħhom imposta sempliċi fil-kont tal-profitt u tat-telf.

(72) Madankollu, meta jibda jsir probabbli li l-garanzija tintuża jew jekk l-ammont fil-fatt użat huwa akbar minn żero, ikunu previsti pagamenti tal-miżata fuq dik il-parti tal-garanzija. Skont l-IFRS, dawn l-imposti jixbhu obbligazzjonijiet (il-benefiċċju jkun ittieħed imma jeħtieġ li jitħallas lura) u jrid jiġi pprovdut il-ħlas lura. Skont l-IFRS, il-livelli ta' proviżjonament korrispondenti jridu jiżdiedu meta jiżdied l-ammont totali użat stmat. Għaldaqstant, kwalunkwe użu addizzjonali tal-garanzija jwassal għal żieda fl-ammont totali użat stmat, għal pagamenti ta' miżati proporzjonalment akbar fil-futur li mbagħad iwasslu għal żieda fid-dispożizzjonijiet meħtieġa.

(73) Il-primjum addizzjonali huwa soġġett għal mekkaniżmu ta' differiment, il-Besserungsschein, li huwa effettiv f'livell kapitali konsolidat għall-HSH (HoldCo + OpCo) ta' 10 % ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni. Dan il-mekkaniżmu ta' differiment jagħti lok għad-differiment sħiħ ta' pagamenti dovuti għal perjodu sas-sena [2030-2040]. Barra minn hekk, dan il-mekkaniżmu ta' differiment jinkludi provvedimenti magħmula għal pagamenti futuri li wkoll huma inklużi fil-Besserungsschein. Dan jimplika li dawn il-provvedimenti jistgħu jinħarġu bħala bafer kontra t-telf jekk dan it-telf iwassal għal tnaqqis tal-proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni sa anqas minn 10 % ([58]).

Effetti ta' prudenza

(74) It-tieni nett, skont il-formula superviżorja f'Basel II (il-"formula superviżorja") applikabbli għal strutturi ta' titolizzazzjoni sintetika bħal ma hija l-garanzija fuq it-tieni telf, il-preżenza tal-garanzija tnaqqas għal 20 % il-piż tar-riskju li għandu jiġi applikat għas-segment superjuri meta jiġu kkalkolati l-assi mwieżna għar-riskju ("RWA") ([59]).

(75) Skont ir-regoli regolatorji u b'kunsiderazzjoni għad-diskrezzjoni superviżorja fl-applikazzjoni tagħhom, żewġ limiti għandhom jiġu kkunsidrati sabiex il-garanzija żżomm dan l-effett. L-ewwel limitu jiddependi fuq il-kalkolu prudenti ta' telf mistenni (f'xenarju ta' referenza) filwaqt li t-tieni limitu jiddependi fuq telf mhux mistenni (telf addizzjonali fl-aġħar xenarju possibbli), fil-portafoll li jifdal taħt il-garanzija. Il-livelli ta' telf mistenni u mhux mistenni fil-portafoll li jifdal għandhom jiġu koperti sa ċertu punt bl-ammont mhux użat tal-garanzija. Jekk ikunx

([57]) Ara Premessi 24 u 25.
([58]) Ara Premessa 25.
([59]) L-RWA huma kkalkolati mis-superviżur sabiex jiġi ddeterminat l-ammont assolut ta' kapital li jrid jinżamm minn bank.

hemm ksur ta' limitu wieħed jew tat-tnejn, għalhekk, jiddependi fuq l-ammont mhux użat disponibbli tal-garanzija li huwa affettwat b'mod sinifikanti mill-ammont ta' telf saldat.

(76) Jekk jinkiser l-ewwel limitu, l-applikazzjoni tal-formula superviżorja għandha tirriżulta f'żieda tal-livelli tal-RWA minħabba s-segment superjuri, b'żieda bħal din issewwa fi proporzjon mal-punt tan-nuqqas fil-kopertura mil-livell minimu tagħha ta' 20 %. Jekk jinkiser it-tieni limitu, il-formula superviżorja ma għandha bl-ebda mod tibqa' applikabbli. F'dan il-każ, il-livelli ta' RWA fuq is-segment superjuri għandhom jiżdiedu b'mod immedjat mill-minimu ta' 20 % għal-livell li jkun applikabbli fin-nuqqas ta' garanzija (l-"effett ta' preċipizju").

4.1.2. *Vantaġġ fil-miżura 1 tal-2016*

(77) Skont in-notifika, l-HSH se tinqasam f'HoldCo u OpCo. Il-miżati tal-garanzija skont ir-remunerazzjoni tal-garanzija kif approvat fid-deċiżjoni tal-2011 għandhom jibqgħu l-istess. Madankollu, il-ħlas tagħhom għandu jinqasam hekk kif ġej:

(1) OpCo tkompli tħallas 2,20 % fuq il-porzjon attwalment mhux użat tal-garanzija

(2) HoldCo tidħol responsabbli għall-pagamenti tal-miżati l-oħra kollha tal-garanzija:

(1) 1,80 % fuq l-ammont tal-garanzija pendenti kollu;

(2) 2,20 % fuq il-porzjon diġà użat tal-garanzija;

(3) 3,85 % fuq il-parti finalment użata tal-garanzija soġġetta għall-Besserungsschein.

(78) Din il-qasma f'OpCo u HoldCo timplika li l-effett tal-kontabbiltà mill-kumpens tal-garanzija għandu jkompli jiżdied fil-livell ta' OpCo filwaqt li r-rekwiżiti kollha ta' proviżjonament taħt l-IFRS li jirriżultaw mit-trattament ta' pagamenti tal-miżata fuq il-parti użata tal-garanzija issa għandhom isewwu f'HoldCo. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li fil-livell konsolidat tal-bank (HoldCo + OpCo) ma hemm l-ebda bidla fl-istruttura tal-garanzija jew l-effetti tagħha, għaldaqstant il-qasma nnifisha ma tipprovdi l-ebda vantaġġ addizzjonali lil HSH.

(79) Skont l-impenji pprovduti mill-Ġermanja, HoldCo nnifisha ma għandha topera l-ebda kummerċ u għaldaqstant ma għandu jkollha ebda fluss ta' dħul għajr għal dak li jkun ġej mill-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha f'OpCo. HoldCo madankollu se tirċievi EUR 260 miljun f'likwidità minn OpCo, EUR 50 miljun għall-ispejjeż operattivi matul il-perjodu tal-bejgħ u EUR 210 miljun għall-ħlas tal-pagamenti tal-miżata tal-garanzija meta dawn ikunu dovuti.

(80) Mill-qasma tal-obbligazzjonijiet kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni tirrimarka li l-ammont ta' miżati dovuti matul il-proċess tal-bejgħ li għandu jitħallas minn HoldCo fl-aħħar tas-sena tal-2016 u tal-2017 rispettivament għandu jiddependi fuq:

(1) L-ammont globali ta' garanzija pendenti (il-bażi tal-kalkolu għal 1,80 % tal-miżata tal-garanzija, il-"komponent 1 tal-miżata");

(2) L-ammont tal-garanzija effettivament użat fl-2016 u fl-2017 (il-bażi tal-kalkolu għall-parti tal-miżata tal-garanzija ta' 2,20 % meħuda minn HoldCo, il-"komponent 2 tal-miżata"); kif ukoll

(3) L-ammont totali użat tal-garanzija (il-bażi tal-kalkolu għall-miżata tal-garanzija ta' 3,85 % li huwa suġġett għall-Besserungsschein, il-"komponent 3 tal-miżata").

Komponent tal-primjum bażi ta' 1,80 %

(81) Fir-rigward tal-komponent 1 tal-miżata, il-livell ġenerali ta' garanzija pendenti huwa attwalment ta' EUR 10 biljun, inkluż il-miżura tal-2013. Dan il-livell ma jistax jitla' aktar peress li EUR 10 biljun huwa limitu massimu fiss. Bl-istess mod, dan il-livell x'aktarx li ma jonqosx matul il-proċess tal-bejgħ.

(82) Minħabba li l-livell ta' EUR 10 biljun iservi bħala bażi tal-kalkolu għall-komponent 1 tal-miżata ta' 1,80 %, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligu ta' pagament tal-miżata annwali taħt il-komponent 1 tal-miżata għandu jkun ta' EUR 180 miljun.

Komponent tal-primjum bażi ta' 2,20 %

(83) Fir-rigward tal-komponent 2 tal-miżata, il-Kummissjoni tfakkar li skont l-istimi disponibbli l-aktar reċenti, l-ammont ta' telf saldat fuq il-portafoll garantit għandu jitla' għal madwar EUR [3,2-5,0] biljun fl-2016, jiġifieri EUR [0-1,8] biljun aktar mis-segment tal-ewwel telf ta' EUR 3,2 biljun.

(84) Dan l-ammont għandu jkompli jiżdied bl-ammont ta' telf imġarrab mill-HSH permezz tal-miżura 2 tal-2016, jiġifieri t-trasferiment ta' mhux aktar minn EUR 6,2 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi taħt il-garanzija lis-sidien pubbliċi. Skont l-impenji, il-valuri tat-trasferiment tal-assi għandhom jiġu ddeterminati skont il-lista mehmuża man-notifika li tikkorrispondi għar-riżultati tal-valutazzjoni tal-prezz tas-suq tal-esperti tal-Kummissjoni.

(85) Il-Kummissjoni tfakkar li skont l-impenji l-bank għandu l-għan li jittrasferixxi biss EUR 5 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi sat-tmiem ta' Ġunju 2016. Sad-data tat-trasferiment, il-garanzija tibqa' prinċipalment mhux użata u għalhekk il-pagamenti tal-miżata relatati għandhom isiru minn OpCo.

(86) Abbażi tal-lista tal-valuri tat-trasferiment (ara l-Anness II għad-Deċiżjoni preżenti) u skont kif jiġi mtejjeb l-użu tal-garanzija, telf addizzjonali possibbli fuq it-trasferiment ta' portafoll ta' EUR 5 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza magħżul mil-lista ta' EUR [8-10] biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi disponibbli u saldati taħt il-garanzija x'aktarx ikun ta' madwar EUR [1-4] biljun għal EUR [1-4] biljun.

(87) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligazzjoni ta' ħlas tal-miżata taħt il-komponent 2 tal-miżata għal sitt xhur fl-2016 x'aktarx li tikkorrispondi għal bejn EUR [25-35] miljun u EUR [25-35] miljun.

Primjum addizzjonali ta' 3,85 %

(88) Fir-rigward tal-komponent 3 tal-miżata, il-Kummissjoni tfakkar li l-ħlas ta' 3,85 % huwa soġġett għall-Besserungsschein effettiva f'livell ta' kapital konsolidat għall-HSH (HoldCo + OpCo) ta' 10 % ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni. Skont in-numru disponibbli l-aktar reċenti, l-HSH diġà tinsab fil-limitu aktar baxx ta' proporzjon ta' 10 % ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni b'madwar EUR [700-800] miljun ta' proviżjonament li għadhom taħt il-Besserungsschein.

(89) Telf addizzjonali ta' bejn EUR [1-4] biljun u EUR [1-4] biljun fuq it-trasferiment ta' EUR 5 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi mill-bank għal-Länder għandu jwassal għal żieda fl-ammont totali użat mistenni tal-garanzija u, b'mod korrispondenti, għal rekwiżiti addizzjonali għall-proviżjonament taħt l-IFRS għaż-żewġ komponenti 2 u 3 tal-miżata.

(90) Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-ħtieġa ta' proviżjonament addizzjonali li tirriżulta taħt l-IFRS għall-komponent 2 tal-miżata x'aktarx li tikkorrispondi għal madwar EUR [700-900] miljun u EUR [700-900] miljun.

(91) Skont il-pjan ta' ristrutturar ipprovdut mill-bank, dawn il-provvedimenti addizzjonali x'aktarx li ma jiġux iffinanzjati permezz tal-introjtu nett tal-bank u għalhekk x'aktarx li jwasslu għal talba fuq il-Besserungsschein fil-livell konsolidat għal madwar l-istess ammont. Madankollu, kwalunkwe kumpens mill-Besserungsschein huwa limitat għall-ammont ta' riżervi li jkun fadal, jiġifieri EUR [700-800] miljun. Imposta addizzjonali ta' EUR [700-900] miljun għal EUR [700-900] miljun għalhekk twassal biex il-proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni fil-livell konsolidat jaqa' taħt l-10 %.

(92) Il-proviżjonament stess għall-komponent 3 tal-miżata huwa soġġett għall-Besserungsschein (ara Premessa 73). Għaldaqstant, peress li wara l-proviżjonament għall-komponent 2 tal-miżata, ir-riżervi kollha tal-proviżjonament taħt il-Besserungsschein ikunu ġew użati u l-proporzjon ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni jkun diġà niżel taħt l-10 %, il-proviżjonament addizzjonali għall-komponent 3 tal-miżata jkollu jiġi differit ukoll.

(93) Kwalunkwe trasferiment ta' assi matul il-perjodu tal-bejgħ li jeċċedi l-ammont ta' EUR 5 biljun, kif permess taħt l-impenji pprovduti mill-Ġermanja, x'aktarx li jwassal għal telf ulterjuri. Dan it-telf ikompli biss inaqqas il-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni fil-livell konsolidat, b'hekk tkompli tonqos il-probabbiltà li l-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni jogħla aktar minn 10 %. Huwa biss f'tali każ li jkunu meħtieġa ħlasijiet jew proviżjonament għall-komponent 3 tal-miżata.

(94) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li x'aktarx l-ebda ħlas jew proviżjonament taħt il-komponent 3 tal-miżata ma jkun meħtieġ matul il-proċess tal-bejgħ. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li mal-bejgħ b'suċċess, il-Länder għandhom id-dritt skont il-kuntratt tal-garanzija li jirrinunzjaw għall-obbligazzjoni ta' ħlas tal-primjum addizzjonali ta' 3,85 % ([60]).

([60]) Dan id-dritt kien diġà stipulat fil-kuntratt tal-garanzija oriġinali stabbilit fl-2009.

Pagamenti ta' miżata taħt il-miżura 1 tal-2016

(95) Għaldaqstant, abbażi tal-informazzjoni pprovduta inkluż il-fatt li l-miżura 2 tal-2016, it-trasferiment tal-assi, għandu jiġi implimentat fl-aħħar ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-obbligazzjonijiet ta' ħlas ta' miżata mill-HoldCo għall-2016 x'aktarx li jkunu bejn EUR [205-210] miljun u EUR [210-220] miljun. Il-Kummissjoni tieħu nota pożittiva tal-fatt li din il-firxa hija b'mod wiesgħa komparabbli mal-EUR 210 miljun ta' likwidità pprovduta lill-HoldCo minn OpCo.

(96) Barra minn hekk, il-2,20 % ta' miżati fuq l-ammont mhux użat tal-garanzija qed jitħallas minn OpCo mingħajr ebda mekkaniżmu ta' differiment addizzjonali fis-seħħ li jkopri b'mod partikolari l-ammont ta' ħlas sħiħ matul l-ewwel sitt xhur tal-2016 qabel ma tiġi implimentata l-miżura 2 tal-2016.

(97) Għaldaqstant, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-pagamenti tal-miżata tal-garanzija li għandhom jaslu għand il-Länder għall-2016 wara l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-2016, probabbilment ma jkunx anqas minn EUR [385-400] miljun (EUR [175-190] miljun OpCo + EUR 210 miljun HoldCo). Dan jimplika ammont ta' mhux aktar minn EUR [0-15] miljun ta' pagamenti tal-miżata fl-2016 li jistgħu jiġu differiti għad-data ta' ħlas li jmiss. Kull differiment bħal dan ikun remunerat b'rata ta' imgħax annwali ta' 10 %.

Pagamenti ta' miżata tal-2017

(98) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-livell ta' pagamenti ta' miżata dovuti fl-2017 fil-livell ta' HoldCo jista' jkun ogħla minħabba l-possibbiltà ta' trasferiment ulterjuri ta' assi taħt il-garanzija lis-sidien pubbliċi u għall-fatt li HoldCo jkollha tħallas il-primjum tal-garanzija ta' 2,20 % matul is-sena kollha.

(99) Kif indikat qabel, HoldCo ma għandu jkollha l-ebda dħul b'ħekk x'aktarx li jekk il-bejgħ ta' OpCo jseħħ wara li l-miżati għall-2017 ikunu pagabbli, HoldCo ma tkunx f'pożizzjoni li tonora dawn l-obbligazzjonijiet ta' ħlas ta' miżata tal-2017 meta dawn ikunu dovuti. F'każ bħal dan, skont l-impenji pprovduti mill-Ġermanja, il-pagamenti ta' miżata jiġu differiti għad-data tal-ħlas li jmiss, miżjuda b'rata ta' imgħax annwali ta' 10 %.

(100) Il-Kummissjoni tfakkar li skont l-impenji pprovduti mill-Ġermanja, id-data aħħarija għal bejgħ tal-HSH hija t-28 ta' Frar 2018 u li l-qligħ dieħel f'HoldCo minn bejgħ b'suċċess għandu, l-ewwel u qabel kollox, jintuża biex jitħallsu l-obbligazzjonijiet tal-ħlas ta' miżata li jkunu ġejjin mill-garanzija.

(101) Għaldaqstant, kull obbligazzjoni ta' ħlas ta' miżata li ma tistax tiġi onorata fl-aħħar tal-2017 tkun differita biss jekk OpCo tkun għadha ma ġietx mibjugħa sa dik id-data. Anke f'dan il-każ id-differiment ma jdumx aktar minn xahrejn, sakemm OpCo tinbiegħ jew tidħol fi stralċ ordnat jew f'riżoluzzjoni. Dan id-differiment possibbli jiġi remunerat b'rata ta' imgħax annwali ta' 10 %.

Konklużjoni

(102) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tinnota li hemm xi probabbiltà li l-pagamenti tal-miżata ta' EUR 400 miljun dovuti taħt il-ftehim tal-garanzija attwali fl-aħħar tal-2016 (1,80 % + 2,20 % fuq garanzija pendenti ta' EUR 10 biljun) mhux ser jitħallsu b'mod sħiħ, għalkemm x'aktarx li jiġu differiti mhux aktar minn EUR [0-15] miljun. Barra minn hekk, filwaqt li l-pagamenti tal-miżata dovuti fl-2017 jistgħu jiġu differiti b'mod sħiħ, kwalunkwe differiment bħal dan għandu jiġi limitat għal mhux aktar minn xahrejn minħabba l-iskadenza tal-bejgħ tat-28 ta' Frar 2018.

(103) Skont l-impenji, kwalunkwe differiment għandu jiġi remunerat b'rata ta' imgħax annwali ta' 10 %. L-aktar bonds subordinati likwidi tal-HSH ([61]) għamlu kummerċ bi dħul annwali ta' bejn 7,5 % u 8 % fid-dawl tal-ftehim milħuq f'Ottubru 2015 u li attwalment jagħmlu kummerċ ta' madwar 10,6 %. Dawn iż-żewġ ħruġ jimmaturaw matul il-proċess tal-bejgħ fi Frar 2017 b'EUR 928 miljun ta' ammont nozzjonali pendenti li għandu jitħallas lura. Huma jipprovdu indikazzjoni ta' prezz tas-suq għal riskju fir-rigward ta' skopertura simili tal-kapital għall-HSH, u għaldaqstant stima konservattiva ta' xi tkun r-remunerazzjoni fil-livell tas-suq f'każ ta' possibbiltà ta' differiment ta' ħlas.

(104) B'kunsiderazzjoni għall-firxa tal-kummerċ tad-dħul fuq dak il-ħruġ subordinat tal-HSH u l-fatt li kwalunkwe differiment fl-2016 x'aktarx li jkun limitat għal mhux aktar minn EUR [0-15] miljun, il-Kummissjoni tqis li r-remunerazzjoni ta' 10 % annwalizzati għar-riskju ta' pagament ta' EUR [0-15] miljun differit għal sena bħala konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

([61]) ISINs DE000HSH2H15 u DE000HSH2H23.

(105) B'rabta ma' kwalunkwe differiment possibbli li jirriżulta mill-obbligazzjonijiet dovuti fl-2017, il-Kummissjoni tosserva l-ewwel nett li dan iseħħ biss jekk il-bejgħ ma jseħħx qabel it-tmiem tal-2017. It-tieni, filwaqt li l-ammont ta' differiment possibbli x'aktarx li jkun komparabbli mal-ammont pendenti ta' kull wieħed miż-żewġ ħruġ subordinati, differiment bħal dan għandu jkun limitat għal mhux aktar minn xahrejn minħabba l-iskadenza tal-bejgħ finali, b'hekk jiġi llimitat b'mod sinifikanti r-riskju meħud bid-differiment tal-imposti. Minħabba l-maturità ferm aktar qasira ta' kwalunkwe differiment relatat mal-2017 meta mqabbel mal-maturità tal-ħruġ subordinat u r-riskju aktar baxx b'mod korrispondenti, il-Kummissjoni tqis ir-remunerazzjoni ta' 10 % annwalizzati bħala konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

(106) Meta tikkunsidra dan kollu, il-Kummissjoni tikkonkludi li minħabba li kwalunkwe differiment possibbli ta' parti mill-flussi tal-miżata tal-garanzija għas-sidien pubbliċi jkun (a) x'aktarx żgħir ħafna, jekk ikun hemm, fl-2016, (b) limitat fiż-żmien (jekk biss isseħħ, skont id-data tal-bejgħ attwali) għall-miżati dovuti fl-2017 u (c) f'kull każ remunerat b'rata ta' imgħax konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, ma hemm l-ebda vantaġġ addizzjonali għall-HSH li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-miżura 1 tal-2016 bħala riżultat tar-riskji preżenti f'(a) u (b).

4.1.3. *Vantaġġ fil-miżura 2 tal-2016*

(107) Skont l-impenji pprovduti mill-Ġermanja, l-HSH se tittrasferixxi portafoll sa mhux aktar minn EUR 6,2 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi attwalment taħt il-garanzija għal-Länder. Dan it-trasferiment jista' jseħħ f'segmenti multipli matul id-durata tal-proċess tal-bejgħ fl-2016 u l-2017.

(108) Sabiex jiġi definit il-portafoll li għandu jiġi ttrasferit, il-Ġermanja u l-bank identifikaw EUR [8-10] biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza ta' assi taħt il-garanzija bħala eliġibbli għal trasferiment lis-sidien pubbliċi. Il-Kummissjoni tinnota li bażikament dawn l-assi huma kollha self improduttiv, li kollha jinsabu fis-settur tat-trasport bil-baħar li kien wieħed mill-muturi ewlenin għad-diffikultajiet tal-bank ([62]).

(109) Minħabba li attwalment ma hemm l-ebda xerrej tas-suq disponibbli għal dawn l-assi, il-Kummissjoni tikkunsidra li trasferiment bħal dan lis-sidien pubbliċi jikkorrispondi għal miżura tal-assi indeboliti. F'konformità mal-ewwel prinċipji u kif imfakkar fid-deċiżjonijiet reċenti tal-Kummissjoni dwar is-self improduttiv fl-Italja u fl-Ungerija ([63]), tali trasferiment ta' assi jista' jiġi kkunsidrat ħieles minn għajnuna mill-Istat biss jekk it-tranżazzjoni sseħħ skont it-termini tas-suq.

(110) B'mod partikolari, il-Kummissjoni ċċarat li minħabba n-natura tal-portafoll u l-assenza ta' xerrej tas-suq hija tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-prinċipji tal-kalkolu tal-valur tas-suq speċifikati fil-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti ([64]). Għaldaqstant, l-għan ewlieni tal-valutazzjoni mhuwiex li jiġi kkalkolat valur ġust iżda valur tas-suq li– jekk jintuża bħala prezz ta' trasferiment fi tranżazzjoni ma' awtorità pubblika — jippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi li tranżazzjoni b'dak il-prezz ma tipprovdix vantaġġ lill-bank u b'hekk teskludi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat. Il-valutazzjoni għalhekk għandha tkun b'mod partikolari kemm prudenti kif ukoll konservattiva.

(111) Il-Kummissjoni impjegat esperti tal-valutazzjoni indipendenti biex jgħinuha tiddetermina l-valuri tas-suq ta' dawn l-assi.

Valutazzjoni tal-valur tas-suq

(112) Wara l-ewwel talba għad-dejta mill-Kummissjoni u mill-esperti tagħha f'nofs Diċembru 2015, il-bank għamel l-informazzjoni disponibbli fit-18 ta' Jannar 2016. Seħħew diversi kuntatti, laqgħat, diskussjonijiet u preżentazzjonijiet ta' dejta bejn l-20 ta' Jannar u d-19 ta' Marzu 2016.

(113) Il-portafoll jikkonsisti minn madwar […] faċilitajiet ta' self, kollateralizzati permezz ta' […] bastimenti u xi assi oħrajn. Sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' kollateralizzazzjoni inkroċjata, il-bank ipprovda wkoll l-ħekk imsejjaħ livell ta' formazzjoni li huwa l-aktar livell baxx li fih kollateral jista' jiġi identifikat bħala kollateral għal eżattament linja waħda. Hemm […] linji ta' formazzjoni fil-portafoll.

([62]) Ara Taqsima 2.1.
([63]) Każijiet ta' għajnuna mill-Istat SA.43390 (2016/N) u SA.38843 (2015/N), deċiżjonijiet iridu jiġu ppubblikati.
([64]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Trattament ta' Assi indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità (ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1).

(114) B'konformità mal-prinċipji ta' valutazzjoni prudenti u konservattiva, u abbażi tad-dejta disponibbli mill-bank, l-esperti tal-Kummissjoni għamlu għadd ta' suppożizzjonijiet. Pereżempju, meta l-ebda dejta ma kienet disponibbli għall-esperti tal-Kummissjoni, bħal fir-rigward ta' kollaterali li mhumiex bastimenti, dawn il-kollaterali b'mod konservattiv ingħataw valur ta' żero u ġew eskluži mill-kalkolu. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' dejta dwar l-ordni preċiża ta' talbiet tal-krediturі differenti għal flussi ta' flus li jirriżultaw mill-kollaterali, it-talbiet kollha fuq il-kollaterali tat-trasport bil-baħar li ma jirriżultawx minn talbiet taħt il-garanzija ġew ikkunsidrati bħala privileġġjati u tnaqqsu mill-valur kollaterali. Fl-aħħar nett l-ebda benefiċċju ma ġie kkunsidrat fejn il-bank reċentement irristruttura s-self.

(115) Il-mudell użat mill-esperti tal-Kummissjoni huwa mudell tal-fluss tal-flus skontat. Il-flussi tal-flus operattivi kollha ġew ikkalibrati ma' dejta tas-suq osservabbli bħal ma huma kuntratti eżistenti fil-qasam tat-trasport bil-baħar. Il-valuri ta' likwidazzjoni għall-bastimenti ġew skontati minn valutazzjonijiet reċenti tal-assessuri biex jiġu kkunsidrati l-ispejjeż tal-bejgħ tal-kont u l-ħin għall-bejgħ kif ukoll biex jiġu kkoreġuti preġudizzji osservati statistikament f'estimi ta' assessuri speċifiċi. Il-ħajja ekonomika tal-bastimenti ġiet aġġustata 'l isfel għal dejta osservabbli. Il-flussi tal-flus kollha ġew imqabbla ma' punti ta' riferiment tas-suq disponibbli minn fornituri terzi u ngħataw limitu massimu skont dawn il-punti ta' riferiment. Ir-rati tat-tkabbir fil-flussi tal-flus u l-valuri ta' likwidazzjoni ġew ikkalkolati minn dawn il-punti ta' riferiment tas-suq, iżda b'limitu massimu ta' orizzont ta' ħames snin.

(116) Filwaqt li d-data limitu tal-valutazzjoni miftiehma mal-bank kienet il-31 ta' Diċembru 2015, ħafna mid-dejta pprovduta minnha kienet datata mit-30 ta' Settembru 2015. L-esperti tal-Kummissjoni għalhekk naqqsu mill-valutazzjoni l-flussi tal-flus kollha li ġejjin mir-raba' trimestru tal-2015 skont il-previżjonijiet applikabbli.

(117) Abbażi tal-valutazzjoni tal-esperti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-valur tas-suq tal-portafoll sħiħ ta' EUR [8-10] biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza huwa [33,4-56,8] % tal-iskopertura f'każ ta' inadempjenza. Il-firxa ta' portafolli ta' EUR 6,2 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza li tista' tintgħażel minn dawn l-assi għandha valuri tas-suq bejn 33,4 % u 56,8 %. Il-valutazzjoni kienet magħmula disponibbli fil-livell ta' formazzjoni linja b'linja kemm għall-Ġermanja kif ukoll għall-bank.

Konklużjoni

(118) Skont l-impenji, is-sidien tal-banek u s-sidien pubbliċi għandhom jużaw din il-valutazzjoni linja b'linja li kienet annessa man-notifika u mad-Deċiżjoni preżenti (l-Anness II) sabiex jiddeterminaw il-valur tat-trasferiment applikabbli għal portafoll partikolari. Id-daqs tal-portafoll magħżul inkluži s-segmenti kollha ma jistax ikun akbar fis-somma minn EUR 6,2 biljun skopertura f'każ ta' inadempjenza. Skont l-impenji, kwalunkwe trasferiment wara l-31 ta' Awwissu 2016 jeħtieġ rivalutazzjoni tal-assi magħżula mill-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-valur tas-suq huwa adattat b'kunsiderazzjoni għall-evoluzzjoni tal-assi u tas-suq.

(119) Finalment, il-Kummissjoni tenfasizza li l-bejgħ ta' self lil-Länder f'dawk il-livelli se jiġġenera telf addizzjonali fil-bank li jkollu jiġi assorbit permezz ta' profitt u telf u li jkun kopert permezz tal-pożizzjoni kapitali disponibbli tal-bank. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li kwalunkwe bejgħ bħal dan jista' jirriżulta fl-effett negattiv fuq il-funzjonament tal-garanzija kif deskritt fil-Premessi 75 u 76 u jkun soġġett għad-diskrezzjoni tas-superviżur. Dawn l-effetti kollha jistgħu jkompli jnaqqsu l-pożizzjoni kapitali tal-bank. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha tiġi pprovduta għajnuna kapitali lill-bank.

(120) Abbażi tal-impenji kif ivvalutati, il-Kummissjoni tinsab sodisfatta li l-miżura 2 tal-2016, it-trasferiment tal-assi lis-sidien pubbliċi, se tiġi implimentata skont il-valur tas-suq u b'mod korrispondenti ma għandhiex twassal għal vantaġġ. It-telf li jirriżulta għandu jiġi assorbit mill-pożizzjoni kapitali attwali tal-bank mingħajr ebda għajnuna oħra.

4.1.4. *Konklużjoni*

(121) Abbażi tal-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri tal-2016 ma jinkludux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

4.2. **Kompatibbiltà**

(122) Kif ivvalutat mill-Kummissjoni fit-taqsima preċedenti, il-miżuri tal-2016 ma jinkludux għajnuna mill-Istat.

(123) Fir-rigward tal-miżura tal-2013, il-Kummissjoni b'mod temporanju ddikjaratha kompatibbli fid-Deċiżjoni tal-ftuħ iżda fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura, b'mod partikolari "tiddubita li l-HSH terġa' lura għall-vijabbiltà kif preżunt fid-deċiżjoni ta' ristrutturar tal-2011 abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tal-kummerċ" ([65]).

(124) Peress li l-miżura tal-2013 ġiet innotifikata u ddikjarata temporanjament kompatibbli qabel ma daħħlet fis-seħħ il-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2013, ([66]) il-Kummissjoni tkompli tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-miżura tal-2013 fuq l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE, kif spjegat fil-Komunikazzjoni ta' Estensjoni tal-2011 u skont il-prinċipji ġenerali applikabbli għall-għajnuna mill-Istat mogħtija lil istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, elaborata aktar fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar ([67]) u sussegwentement emendata mill-Komunikazzjoni ta' Estensjoni tal-2010 u l-Komunikazzjoni ta' Estensjoni tal-2011.

4.2.1. *Valutazzjoni tar-raġunijiet għall-ftuħ*

(125) Fir-rigward tad-dubji tagħha dwar il-vijabbiltà, il-Kummissjoni nnotat b'mod partikolari tliet fatturi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ (ara Taqsima 2.4 għal ħarsa ġenerali aktar komprensiva):

(1) Id-deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ekonomika fis-settur tat-trasport bil-baħar;

(2) In-nuqqas ta' rendiment ekonomiku mill-bank meta mqabbel mal-previżjonijiet finanzjarji tal-każ bażi tad-Deċiżjoni tal-2011, anke u b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' attività kummerċjali ġdida sal-punt mistenni;

(3) Iż-żieda tal-pagamenti tal-miżati tal-garanzija minħabba l-ammont ogħla tal-garanzija.

(126) Kif imsemmi fit-Taqsima 1, il-Ġermanja bagħtet lill-Kummissjoni għadd ta' pjanijiet ta' ristrutturar ipprovduti mill-bank. Madankollu:

(1) Is-sitwazzjoni fis-settur tat-trasport bil-baħar kompliet tiddeterjora b'mod sinifikanti mid-Deċiżjoni tal-ftuħ, bil-Baltic Dry Shipping Index jimmarka l-aktar livelli baxxi fi Frar 2016, li wassal għal telf aktar profond u b'aktar effett fuq il-portafoll li fadal tas-settur tat-trasport bil-baħar miżmum mill-HSH;

(2) F'kull sena mid-Deċiżjoni tal-ftuħ 'l hawn, l-HSH naqset li tilħaq il-previżjonijiet tagħha stess fir-rigward tal-volumi tal-attivitajiet kummerċjali ġodda — li matul diversi pjanijiet kienu diġà ġew irreveduti 'l isfel b'mod sinifikanti — b'mod partikolari fis-segmenti korporattivi u tat-trasport bil-baħar;

(3) Pagamenti tal-miżata komplew ikunu ta' piż kbir fuq il-profitabbiltà tal-HSH bin-nuqqas ferm kbir ta' probabbiltà li jkun hemm il-possibbiltà għal tnaqqis fl-ammont tal-garanzija globali matul il-ħajja tal-garanzija.

(127) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tikkunsidra li d-dubji tagħha espressi fid-Deċiżjoni tal-ftuħ ittaffew b'dawn il-pjanijiet ta' ristrutturar.

4.2.2. *Bidla fl-iskop tal-għajnuna*

(128) Il-Kummissjoni tinnota l-fatt li l-Ġermanja mill-ġdid innotifikat il-miżura tal-2013 bħala għajnuna mill-Istat li għandha tintuża għall-istralċ ordnat tal-HSH Nordbank jew permezz ta' bejgħ mingħajr għajnuna jew permezz tal-waqfien ta' attività kummerċjali ġdida u tal-istralċ. Abbażi ta' dan l-iskop il-ġdid tal-għajnuna, il-Kummissjoni tqis li mhux meħtieġ il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturar li waslu f'aktar dettall u ma tasal għal ebda konsegwenza mill-fatt li d-dubji tagħha dwar il-vijabbiltà tal-bank ma ġewx solvuti.

(129) Minflok, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna abbażi tat-Taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar u b'mod partikolari tas-sottotaqsima "Vijabbiltà permezz tal-bejgħ ta' bank" kif ukoll tat-Taqsima 5 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008 ([68])"Għajnuna għax-xoljiment ikkontrollat ta' istituzzjonijiet finanzjarji".

([65]) Ara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, Premessa 56.
([66]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-Komunikazzjoni dwar il-Banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).
([67]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat (*"Il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar"*) (ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9).
([68]) Ara Premessa 124 għal spjegazzjoni aktar dettaljata dwar għaliex il-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008 hija rilevanti f'dan il-każ.

(130) Skont it-Taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-bejgħ ta' bank f'diffikultà lil istituzzjoni finanzjarja oħra jista' jikkontribwixxi għar-ritorn għall-vijabbiltà għal tul ta' żmien, dejjem jekk ix-xerrej ikun vijabbli u kapaċi jassorbi t-trasferiment tal-bank f'diffikultà. Ix-xerrej irid juri lill-Kummissjoni li l-entità integrata tkun vijabbli.

(131) Skont it-Taqsima 5 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, l-għajnuna għax-xoljiment ikkontrollat ta' istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġ li tiġi vvalutata *mutatis mutandis* skont it-Taqsima 3 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, b'mod partikolari

(1) Limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ — il-kontribut tas-settur privat; kif ukoll

(2) Għandha tiġi evitata d-distorsjoni żejda tal-kompetizzjoni.

Dawn ir-rekwiżiti huma ekwivalenti għar-rekwiżiti taħt it-Taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar fil-każ ta' bejgħ b'suċċess.

(132) Barra minn hekk, minħabba li l-istralċ ordnat tal-bank jista' jiġi ssodisfat bil-bejgħ ta' OpCo, il-kriterji speċifiċi stabbiliti fil-Punt 49 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008 iridu jiġu ssodisfati, jiġifieri "sabiex jiġi żgurat illi ma tingħatax għajnuna lill-bejjiegħa tal-istituzzjoni finanzjarja jew ta' partijiet minnha jew lill-entitajiet mibjugħa, huwa importanti li…:

(1) Il-proċess ta' bejgħ għandu jkun miftuħ u non-diskriminatorju,

(2) Il-bejgħ għandu jsir bil-kundizzjonijiet tas-suq,

(3) L-istituzzjoni finanzjarja … għandha timmassimizza l-prezz tal-bejgħ …".

Dawk ir-rekwiżiti huma ekwivalenti għar-rekwiżiti taħt it-Taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar fir-rigward tal-proċess tal-bejgħ.

(133) Skont il-Punt 50 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, kwalunkwe għajnuna ġdida lil xerrej jew lil entità mibjugħa li tinstab skont il-kriterji msemmija hawn fuq twassal għal valutazzjoni separata.

4.2.3. *Limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ*

(134) Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u l-kontribut tas-settur privat, il-Kummissjoni tirreferi għall-valutazzjoni tagħha fil-Premessa 57 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ fejn hija kkonstatat li ż-żieda tal-garanzija fuq it-tieni telf — filwaqt li hija għajnuna ġdida — baqgħet fi ħdan il-konfini ta' dak li fil-bidu ġie approvat fid-deċiżjoni tal-2011. Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li r-remunerazzjoni approvata fid-deċiżjoni tal-2011 baqgħet adegwata għall-miżura l-ġdida.

(135) Fil-konklużjoni tagħha fir-rigward tal-miżura temporanjament kompatibbli, il-Kummissjoni qieset ukoll il-preżenza ta' pagament ta' darba ta' EUR 275 miljun mill-bank lill-fornitur tal-garanzija u l-fatt li EUR 3 biljun addizzjonali tal-garanzija jistgħu jiġu kkunsidrati bħala superjuri għall-garanzija eżistenti ta' EUR 7 biljun. Dawn iż-żewġ elementi addizzjonali waslu biex il-Kummissjoni tikkonstata li r-remunerazzjoni tikkunsidra b'mod xieraq ir-riskju akbar għall-fornitur tal-garanzija.

(136) Il-Kummissjoni żżomm din il-valutazzjoni waqt li tindika fl-istess ħin li parti kbira mill-istruttura tal-miżata tal-garanzija ġiet implimentata sabiex jiġi żgurat irkupru biżżejjed tal-ammont tal-għajnuna. Billi jiġi żgurat li dawn l-ammonti effettivament jitħallsu lura lill-fornitur tal-garanzija, l-arranġament il-ġdid ikompli jiżgura li l-għajnuna riċevuta mill-HSH matul il-kriżi tiġi limitata għall-minimu meħtieġ.

(137) Il-miżuri ta' kondiviżjoni tal-piżijiet ġew implimentati kif previst mid-deċiżjoni tal-2011 u l-Kummissjoni ttenni l-valutazzjoni tagħha mid-Deċiżjoni tal-ftuħ li ma għandha l-ebda dubju li dawn il-miżuri għadhom adegwati għall-kompatibbiltà tal-miżura tal-2013.

(138) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ u għandha biżżejjed kontribuzzjoni proprja.

4.2.4. *Prevenzjoni ta' kull tfixkil mhux mistħoqq tal-kompetizzjoni*

(139) Fir-rigward tat-tfixkil tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna pprovduta sservi biex tiżgura li l-HSH finalment titneħħa mis-suq bħala entità awtonoma, jew (a) permezz ta' bejgħ lil entità differenti jew (b) permezz ta' waqfien ta' kummerċ ġdid, b'hekk twassal biex is-sehem tas-suq miżmum mill-HSH ikun disponibbli għall-parteċipanti tas-suq oħrajn.

(140) Matul iż-żmien tal-proċess tal-bejgħ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-impenji kummerċjali pprovduti mill-Ġermanja jservu biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar il-minimizzazzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni kif mitlub minn Taqsima 3 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, jiġifieri:

(1) Ir-restrizzjonijiet kummerċjali billi jiġi llimitat il-kummerċ tat-trasport bil-baħar għal EUR [1-2] biljun fis-sena, jiġi llimitat il-kummerċ ma' klijenti korporattivi għal kummerċ b'rabta mal-Ġermanja u impenn biex ma jsirx negozjar tal-proprjetà;

(2) Tnaqqis ulterjuri fid-daqs ġenerali tal-karta tal-bilanċ għal EUR [100-110] biljun fl-2016 u EUR [90-100] biljun fl-2017; kif ukoll

(3) Restrizzjonijiet ta' kondotta li tkun meqjusa mhux kompatibbli mal-għajnuna bħal projbizzjoni ta' reklami, projbizzjoni ta' akkwist u limitu fuq ir-remunerazzjoni.

(141) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra b'mod pożittiv il-fatt li l-Ġermanja tieħu l-impenn li l-isem HSH Nordbank jitneħħa wara l-bejgħ b'suċċess kif ukoll il-fatt li huwa speċifikament permess il-bejgħ ta' HSH f'partijiet jew fi gruppi ta' assi lil partijiet differenti, kif rifless fl-impenji.

(142) F'każ li l-proċess tal-bejgħ ma jirnexxix minħabba li (a) ma jkunx hemm offerenti jew (b) ikun hemm biss offerenti li ma jikkwalifikawx skont l-impenji jew (c) l-ogħla offerta tirriżulta fi prezz negattiv jew (d) il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-vijabbiltà tal-entità konġunta tkun negattiva, il-Ġermanja u l-HSH jagħtu l-impenn li l-bank iwaqqaf attività kummerċjali ġdida u jamministra l-assi tiegħu bil-għan li jkun hemm l-istralċ tiegħu ([69]).

(143) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tqis li waqt il-proċess tal-bejgħ kif ukoll wara u b'mod indipendenti mir-riżultat finali tiegħu, l-impenji previsti mill-Ġermanja jiżguraw li jiġi evitat tfixkil mhux mistħoqq tal-kompetizzjoni.

4.2.5. *Il-proċess tal-bejgħ*

(144) Kif ivvalutati fid-dettall fit-Taqsima 4.1, il-miżuri tal-2016 għandhom jaqsmu l-HSH f'kumpanija azzjonarja HoldCo u sussidjarja operattiva OpCo b'din tal-aħħar jew tinbiegħ sat-28 ta' Frar 2018 jew ittemm attività kummerċjali ġdida. Dawn il-miżuri ma jinvolvux għajnuna ġdida.

(145) Skont it-Taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar u t-Taqsima 5 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008, hemm rekwiżiti dwar il-proċedura tal-bejgħ sabiex tkun aċċettabbli għal (a) kisba tal-vijabbiltà permezz tal-bejgħ tal-bank u (b) kontribuzzjoni fin-nuqqas ta' għajnuna għax-xerrej.

(146) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' għajnuna għax-xerrej, il-Kummissjoni tinnota b'mod pożittiv l-impenji tal-Ġermanja li tbiegħ l-OpCo permezz ta' proċedura ta' bejgħ b'offerti miftuħa, trasparenti u kompetittiva kif ukoll bi prezz pożittiv sat-28 ta' Frar 2018. Il-Ġermanja se tipprovdi skeda bi stadji importanti ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni la darba jkun ġie mniedi l-proċess tal-bejgħ. Il-Ġermanja diġà inkludiet l-aħħar dati possibbli fir-rigward tal-istadji ewlenin fl-impenji.

(147) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-proċess tal-bejgħ iwassalx għal entità vijabbli, il-Kummissjoni tieħu nota pożittiva taż-żewġ impenji li ġejjin ipprovduti mill-Ġermanja, jiġifieri li l-offerenti li jipparteċipaw fil-proċess tal-bejgħ (a) għandhom juru li għandhom ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa u l-kompetenza rilevanti biex imexxu l-OpCo bħala kompetitur vijabbli u attiv u (b) iridu jkunu indipendenti mis-settur pubbliku. Landesbanken u l-proprjetà pubblika Sparkassen (jekk qegħdin jitfgħu l-offerta b'mod konġunt flimkien ma' offerenti oħrajn) jitħallew jipparteċipaw fil-proċess ta' offerti.

(148) Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv numru ta' impenji mill-Ġermanja mmirati biex itejbu l-istat tal-kummerċ f'OpCo, jiġifieri l-implimentazzjoni ta' aktar miżuri ta' ristrutturar fil-forma ta' tnaqqis tal-ispejjeż (sa EUR [570-590] miljun fl-2016 u EUR [520 -550] miljun fl-2017), titjib fil-ġestjoni tal-likwidità u tar-riskju tal-bank kif ukoll impenn ġenerali biex l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-bank jiġu amministrati b'mod sostenibbli biex jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet ta' bejgħ b'suċċess bi prezz massimu fil-limiti pprovduti.

([69]) Ara l-Punt 5.9 tal-katalogu tal-impenji.

(149) Il-Kummissjoni tenfasizza li tkun meħtieġa deċiżjoni tal-Kummissjoni ulterjuri ladarba offerta finali tkun ġiet riċevuta fil-proċess tal-bejgħ. Tali deċiżjoni tivvaluta (a) jekk l-entità konġunta hijiex tabilħaqq vijabbli jew le u (b) jekk il-prezz tal-offerta finali huwiex tabilħaqq pożittiv, u li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-bejgħ ma tinvolvix għajnuna la lix-xerrej u lanqas lill-entità mibjugħa ([70]). Il-Kummissjoni tieħu nota pożittiva tal-impenn mill-Ġermanja biex tissottometti l-offerta finali għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(150) Fir-rigward tal-valutazzjoni meħtieġa tal-vijabbiltà, il-Kummissjoni tinnota li sempliċi bidla fis-sjieda li ma kinitx tinvolvi tibdil fil-mudell kummerċjali, pereżempju permezz ta' IPO, tiltaqa' mal-istess dubji fir-rigward tal-vijabbiltà hekk kif tqajmu mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-ftuħ u sussegwentement mhux solvuti kif ivvalutat fid-deċiżjoni preżenti fit-Taqsima 4.1.2.

(151) Abbażi ta' dawn l-impenji u l-kunsiderazzjonijiet imsemmija qabel, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti taħt il-Punt 49 tal-Komunikazzjoni dwar il-Banek tal-2008 kif ukoll taħt il-Punti 17 u 18 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar huma sodisfatti.

4.2.6. *Monitoraġġ*

(152) Finalment, il-Kummissjoni tikkunsidra b'mod pożittiv l-impenn mill-Ġermanja li tpoġġi taħt monitoraġġ rigoruż is-sett kollu ta' impenji minn fiduċjarju ta' monitoraġġ ikkwalifikat u indipendenti.

5. **KONKLUŻJONI**

(153) Abbażi tal-impenji pprovduti u l-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tal-2013, innotifikata mill-ġdid bħala għajnuna għall-istralċ ordnat tal-HSH, tista' titqies bħala kompatibbli mar-regoli tas-suq intern,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri tal-2016 li l-Ġermanja għandha l-ħsieb li timplimenta favur l-HSH Nordbank ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-miżura tal-2013, żieda mill-ġdid fil-garanzija fuq it-tieni telf ipprovduta mill-Finanzfonds għall-HSH Nordbank, fl-ammont ta' EUR 3 biljun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u hija kompatibbli mas-suq intern, fid-dawl tal-impenji stabbiliti fl-Anness I tad-deċiżjoni preżenti.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

([70]) Il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li minħabba d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190; "BRRD"), jekk jinstab kwalunkwe għajnuna ġdida fil-proċess tal-bejgħ, kwalunkwe għajnuna ġdida bħal din tista' tingħata biss f'riżoluzzjoni u tkun soġġetta għal deċiżjoni separata tal-Kummissjoni.

ANNESS I

LISTA TA' IMPENJI FIL-KAŻ TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT SA.29338 HSH NORDBANK AG

Il-Ġermanja tintrabat li timplimenta l-impenji li ġejjin:

1 **[Il-fażi tar-ristrutturar u l-fiduċjarju inkarigat mill-monitoraġġ]**

1.1 **[Il-fażi tar-ristrutturar]** Il-fażi tar-ristrutturar tintemm bil-konklużjoni tal-proċedura tal-bejgħ. L-impenji li ġejjin japplikaw matul il-fażi tar-ristrutturar, ħlief jekk il-formulazzjoni speċifika tal-impenn ikkonċernat ma tiddikjarax mod ieħor.

1.2 **[Il-fiduċjarju inkarigat mill-monitoraġġ]** Matul il-fażi tar-ristrutturar, l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-impenji kollha stabbiliti għandhom ikunu mmonitorjati kontinwament u bir-reqqa u vverifikati fid-dettall minn fiduċjarju inkarigat mill-monitoraġġ bi kwalifiki xierqa li jkun indipendenti minn HSH.

2 **[L-istruttura ta' kumpanija azzjonarja]**

2.1 **[L-istabbiliment tal-kumpanija azzjonarja]** L-HSH se tinqasam f'kumpanija azzjonarja ("HoldCo") u sussidjarja li għandha tinbiegħ ("OpCo").

2.2 **[Is-sussidjarja]** OpCo se żżomm l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-HSH, inklużi l-assi koperti mill-garanzija (sakemm dawn ma jinbigħux lil *Länder* skont il-punt 4, il-garanzija nnifisha u l-liċenzja bankarja. Sabiex jiġi żgurat l-operat ta' HoldCo, OpCo tipprovdi lil HoldCo bi flus kontanti ta' EUR 50 miljun.

2.3 **[Il-kumpanija azzjonarja]** In-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ ta' HoldCo tikkonsisti mis-sehem f'OpCo, barra mill-flus imsemmija fil-punti 2.2 u 3.3 HoldCo se żżomm tal-anqas 90 % tal-ishma fl-OpCo sal-bejgħ.

3 **[L-obbligazzjonijiet taħt il-garanzija]**

3.1 **[L-allokazzjoni tal-obbligazzjonijiet taħt il-garanzija]** Il-kuntratt dwar il-provvista ta' qafas ta' garanzija konklużż bejn l-HSH Finanzfonds AöR u l-HSH fit-2 ta' Ġunju 2009 għandu jiġi emendat hekk kif ġej:

Bħala remunerazzjoni għall-wasla tal-effett ta' serħan tal-kapital, OpCo se tħallas 2,2 % tal-primjum bażiku fuq il-parti tal-garanzija li għadha ma nġibditx.

L-obbligazzjonijiet l-oħra kollha tal-HSH taħt il-kuntratt dwar il-provvista ta' garanzija deskritti fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-20 ta' Settembru 2011, C 29/2009 (dik li kienet N 264/2009), jiġifieri

(a) 2,2 % primjum bażiku bħala remunerazzjoni fuq il-parti miġbuda tal-garanzija,

(b) 1,8 % primjum bażiku bħala ħlas għall-irkupru sħiħ, u

(c) 3,85 % primjum addizzjonali, inkluż iċ-ċertifikat tad-debitur,

inklużi r-riżervi eżistenti kollha tal-karta tal-bilanċ li għandhom x'jaqsmu magħhom, għandhom jiġu trasferiti lil HoldCo b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

3.2 **[Il-klawżola ta' tqabbil]** It-trasferiment tal-obbligazzjonijiet taħt il-garanzija lil HoldCo ma għandu l-ebda effett fuq l-obbligazzjonijiet totali tal-garanzija li jridu jitħallsu taħt id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-20 ta' Settembru 2011, C 29/2009 (dik li kienet N 264/2009).

(a) Ir-regoli fil-kuntratt dwar il-provvista tal-garanzija tat-2 ta' Ġunju 2009 jibqgħu l-istess wara l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, suġġetti għall-bidliet li jirriżultaw mill-allokazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-primjum taħt il-punt 3.1.

(b) Il-proporzjon minimu ta' ekwità komuni ta' 10 % rilevanti għaċ-ċertifikat tad-debitur għandu jiġi kkalkulat sal-bejgħ bl-użu tal-kapitalizzazzjoni tal-grupp kollu u, fil-każ ta' bejgħ b'suċċess, bl-użu tal-kapitalizzazzjoni ta' HoldCo. Jekk il-proċedura tal-bejgħ ma tiġix konkluża b'suċċess, il-proporzjon rilevanti għandu jibqa' jiġi kkalkulat bl-użu tal-livell ta' kapitalizzazzjoni tal-grupp kollu.

(c) Fil-każ tal-bejgħ ta' ishma f'OpCo, l-ammont tal-primjum addizzjonali ta' 3,85 % akkwistat minn HoldCo jista', fuq l-inizjattiva tas-sidien tas-settur pubbliku, jitnaqqas proporzjonalment għall-parteċipazzjoni azzjonarja diretta u indiretta tagħhom.

3.3 **[L-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-garanzija]** Id-dħul li HoldCo takkwista mill-bejgħ tal-ishma tagħha f'OpCo għandu jintuża primarjament biex jissodisfa l-obbligazzjonijiet tal-primjum trasferiti. Sabiex jiġi żgurat li HoldCo tkun protetta minn insolvenza, miżuri xierqa għandhom jiġu miftiehma bejn HSH Finanzfonds AöR u HoldCo, b'mod speċifiku subordinazzjoni kwalifikata ta' talbiet taħt il-garanzija. Jekk il-proċedura tal-bejgħ ma tiġix konkluża b'suċċess, il-*Länder* għandhom, sa fejn hu legalment possibbli, jaqilbu l-effetti tas-subordinazzjoni tat-talbiet u jużaw id-dħul mil-likwidazzjoni biex primarjament jissodisfaw l-obbligazzjonijiet pendenti taħt il-garanzija.

Barra minn hekk, OpCo se tagħmel ħlas ta' ammont f'daqqa ta' EUR 210 miljun lil HoldCo sabiex twettaq l-obbligazzjonijiet tal-primjum assunti minn HoldCo matul il-proċedura tal-bejgħ attwali. Il-primjum bażiku ta' 2,2 % assunt minn HoldCo bħala remunerazzjoni għall-parti miġbuda tal-garanzija, irid jitħallas mill-mument li l-garanzija tiġi invokata b'mod partikolari bħala riżultat tal-bejgħ tal-assi skont il-punt 4. Il-bank għandu l-ħsieb li jbigħ l-assi skont il-punt 4 mhux qabel it-tmiem ta' Ġunju 2016. Sal-punt fiż-żmien ta' dan il-bejgħ, OpCo tibqa' obbligata li tħallas dan il-primjum bażiku ta' 2,2 %. F'każ li HoldCo ma jkollhiex flus biżżejjed għad-dispożizzjoni tagħha f'data tal-ħlas dovut sabiex taqdi bis-sħiħ il-pagamenti tal-primjum pendenti, jew f'każ li ostakli legali jxekklu dan il-ħlas, b'mod partikolari minħabba ksur tar-rekwiżiti tal-manutenzjoni tal-kapital jew tas-subordinazzjoni eżistenti tat-talbiet, jew jekk dan iwassal għall-insolvenza ta' HoldCo, dik il-parti tal-pagamenti tal-primjum pendenti tista' tiġi differita sad-data dovuta tal-pagament li jmiss kontra rata tal-imgħax tas-suq ta' 10 %.

4 **[Il-bejgħ ta' assi lil *Länder* u fuq is-suq]**

4.1 **[Il-bejgħ ta' assi]** L-HSH tista' tbigħ assi sa valur ta' mhux aktar minn EUR 8,2 biljun Skopertura fl-Inadempjenza (EAD) u tħallas it-telf li jirriżulta mal-HSH Finanzfonds AöR skont il-kundizzjonijiet fil-ftehim ta' garanzija eżistenti, li minnhom sa mhux aktar minn EUR 6,2 biljun Skopertura fl-Inadempjenza lil Länder. Il-bank għandu l-ħsieb li inizjalment jittrasferixxi fl-2016 portafoll ta' EUR 5 biljun Skopertura fl-Inadempjenza lil Länder. Il-bejgħ għandu jseħħ skont il-valur tas-suq. Dan m'għandux jaffettwa d-dritt tal-HSH li tkompli tbigħ l-assi fis-suq u tħallas f'konformità mal-kundizzjonijiet fil-ftehim tal-garanzija eżistenti.

4.2 **[Il-flessibbiltà fl-għażla tal-assi li għandhom jiġu ttrasferiti]** Sabiex jiġi stabbilit il-prezz tax-xiri tal-assi magħżula, il-*Länder* għandhom jużaw il-valutazzjoni fl-anness ma' din il-lista ta' impenji. Il-*Länder* huma liberi li jiddeterminaw il-prezz tas-suq għall-partijiet tal-assi magħżula abbażi ta' din il-valutazzjoni u li jittrasferixxu l-assi fl-isfera tagħhom, bil-kundizzjoni li l-portafoll magħżul ma jeċċedix EUR 6,2 biljun Skopertura fl-Inadempjenza. Matul il-perjodu tal-bejgħ, l-assi magħżula jistgħu jinxtraw kollha flimkien mil-*Länder* iżda wkoll individwalment jew f'lottijiet. Għal trasferimenti magħmula wara l-31 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni se taġġorna l-valutazzjoni.

5 **[Bejgħ]**

5.1 **[Il-proċedura tal-bejgħ]** Soġġett għall-punt 5.3, HoldCo se tbigħ l-ishma tagħha f'OpCo sat-28 ta' Frar 2018 ("skadenza tal-bejgħ") permezz ta' proċedura miftuħa, mhux diskriminatorja, kompetittiva u trasparenti ("proċedura tal-bejgħ"). L-iskadenza tal-bejgħ tiġi osservata bl-iffirmar ta' kuntratt tal-bejgħ.

5.2 **[L-estensjoni tal-iskadenza tal-bejgħ]** L-iskadenza msemmija fil-punt 5.1 tista' tiġi estiża b'sitt xhur bi ftehim mal-Kummissjoni, jekk l-implimentazzjoni teknika tal-mudell tiddewwem minħabba ċirkostanzi li fuqhom il-*Länder* m'għandhom l-ebda influwenza diretta.

5.3 [**Il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-*Länder***] Il-*Länder* huma intitolati li jżommu sa 25 % tal-ishma f'OpCo permezz tal-parteċipazzjonijiet diretti u indiretti tagħhom f'HoldCo għal mhux aktar minn erba' snin mill-konklużjoni tal-bejgħ.

5.4 **[L-iskeda u l-istadji importanti għall-proċedura tal-bejgħ]** Qabel il-bidu ta' proċedura tal-bejgħ, se tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni skeda li jkun fiha tal-anqas l-istadji importanti li ġejjin:

(a) il-preparazzjoni għall-proċedura (mhux aktar tard minn […] (*))

(b) is-sottomissjoni ta' offerti proviżorji (mhux aktar tard minn […])

(c) l-aċċess għall-kamra tad-dejta (mhux aktar tard minn […])

(d) l-għażla tal-offerent u l-iffirmar (mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2018)

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

5.5 **[Il-kwalifika tax-xerrej(ja)]** L-offerenti li jieħdu sehem fil-proċedura tal-bejgħ irid ikollhom r-riżorsi finanzjarji meħtieġa u l-kompetenza rilevanti għall-industrija dimostrabbli biex ikunu jistgħu jiġġestixxu l-OpCo bħala kompetitur li jrendi profitt u li huwa attiv.

5.6 **[L-indipendenza tax-xerrej(ja)]** Ix-xerrej ta' OpCo jrid ikun indipendenti mill-HSH u mis-settur pubbliku. Hekk jiġri jekk la l-HSH u lanqas is-settur pubbliku ma jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) fuq kwalunkwe xerrej fil-mument tal-bejgħ. It-terminu "settur pubbliku" jinkludi l-Istat Federali, il-*Länder* u l-muniċipalitajiet kollha u l-istituzzjonijiet pubbliċi tagħhom kif ukoll impriżi kkontrollati minnhom. Huwa possibbli bejgħ lil *Landesbank(en)* wieħed jew aktar. Il-banek tat-tfaddil pubbliċi (*öffentliche Sparkassen*) jistgħu jieħdu sehem — b'mod konġunt ma' parteċipazzjoni azzjonarja ta' minoranza — f'xiri permezz ta' bejjiegħ ieħor li huwa indipendenti mill-HSH u mis-settur pubbliku (minbarra l-Landesbanken).

5.7 **[Il-konklużjoni b'suċċess tal-proċedura tal-bejgħ]** Wara tmiem b'suċċess tal-proċedura tal-bejgħ bl-eżitu ta' offerta ħielsa mill-għajnuna bi prezz ta' offerta pożittiv (filwaqt li tinżamm il-garanzija), l-akkwist previst għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-istruttura tal-kumpanija l-ġdida. Il-bejgħ ma jiġix implimentat sakemm il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni ta' approvazzjoni. Iż-żmien meħud għall-valutazzjoni ma jgħoddx fir-rigward tal-iskadenza tal-bejgħ.

5.8 **[It-tibdil fl-isem]** Il-bank għandu jadotta isem ġdid fi żmien tliet xhur mill-konklużjoni b'suċċess tal-proċedura tal-bejgħ.

5.9 **[Il-waqfien ta' attività kummerċjali ġdida mal-konklużjoni mingħajr suċċess tal-proċedura tal-bejgħ]** Meta l-proċedura tal-bejgħ sal-aħħar tal-iskadenza għall-bejgħ ma tirriżultax f'offerti ħielsa mill-għajnuna bi prezz ta' offerta pożittiv (filwaqt li tinżamm il-garanzija), jew il-Kummissjoni tikkonkludi l-valutazzjoni tal-vijabbiltà skont il-punt 5.6 bil-konklużjoni li l-integrazzjoni ta' OpCo fl-istruttura tal-kumpanija l-ġdida mhix ser twassal għal mudell kummerċjali vijabbli fit-tul, l-OpCo se twaqqaf l-attività kummerċjali ġdida tagħha u, sa fejn ikun legalment possibbli, tamministra l-assi tagħha bl-objettiv li jkun hemm stralċ ordinat. F'dan il-każ jibqgħu jiġu permessi dawn li ġejjin:

(a) ristrutturar tas-self eżistenzi sabiex jinżamm il-valur, sakemm dak is-self jaqa' taħt il-ġestjoni tas-self problematiku;

(b) attività kummerċjali meħtieġa għall-ġestjoni tal-flus ta' OpCo, ħlief għall-aċċettazzjoni ta' depożiti ġodda, inklużi depożiti ġodda minn klijenti eżistenti; jibqa' permissibbli t-tiġdid ta' depożiti maturi fuq l-istess termini;

(c) estensjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat it-telf, sakemm dawn joffru prospetti aħjar b'mod sinifikanti għar-realizzazzjoni finali;

(d) tranżazzjonijiet derivattivi li huma meħtieġa sabiex tiġi mmaniġġjata r-rata tal-imgħax, ir-riskji tal-valuta u tal-kreditu fil-portafoll eżistenti u jirriżultaw fit-tnaqqis tal-pożizzjoni ta' riskju ġenerali tas-suq ta' OpCo;

6 **[L-obbligi matul il-perjodu tal-bejgħ]** Matul il-perjodu tal-bejgħ, HoldCo se tamministra l-OpCo bil-għan li tinżamm il-vijabbiltà, il-probabbiltà tal-bejgħ u l-kompetittività tagħha. Għal dan il-għan,

(a) għandhom jittieħdu miżuri addizzjonali ta' tnaqqis fl-ispejjeż u ta' razzjonalizzazzjoni f'OpCo skont il-pjan ta' ristrutturar sottomess, sabiex l-ispejjeż amministrattivi ma jeċċedux EUR [570-590] miljun fl-2016 u EUR [520-550] miljun fl-2017;

(b) Il-ġestjoni tar-riskju ta' OpCo, b'mod partikolari fir-rigward ta' attività kummerċjali ġdida, se titwettaq b'konformità mal-prinċipji ta' prattika ta' kummerċ prudenti;

(c) għandhom jittieħdu miżuri biex ikun hemm aktar tisħiħ tal-bażi kapitali (inkluż il-ġestjoni tal-obbligazzjonijiet), suġġetti għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni;

(d) L-OpCo ma għandhiex tagħmel pagamenti fir-rigward ta' strumenti ta' ekwità relatati mal-profitt (bħal ma huma strumenti finanzjarji ibridi u ċertifikati ta' parteċipazzjoni [*Genussscheine*]), sa fejn dawn il-pagamenti ma jkunux dovuti skont kuntratt jew liġi. Dawn l-istrumenti għandhom jipparteċipaw ukoll fit-telf, jekk il-karta tal-bilanċ ta' OpCo, mingħajr ir-rilaxx ta' riservi u qligħ miżmum, turi telf. M'għandu jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni f'telf li jkun ġie riportat minn snin preċedenti, u

(e) OpCo ma għandhiex thallas kwalunkwe dividend sal-bejgħ (jiġifieri għall-perjodu li jinkludi s-sena kummerċjali li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2017). Dan ma jipprekludix ħlas ta' dividendi minn OpCo lil HoldCo sa fejn hu legalment possibbli.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

7 **[It-tnaqqis tat-total tal-karta tal-bilanċ, u l-mudell kummerċjali]**

7.1 **[It-tnaqqis tat-total tal-karta tal-bilanċ — OpCo]** It-total tal-assi tal-karta tal-bilanċ ta' OpCo ma għandux jeċċedi EUR [100-110] biljun fl-2016, u EUR [90-100] biljun fl-2017 (it-total tal-assi tal-karta tal-bilanċ ta' OpCo). Minn dan l-ammont, l-assi biex jiġu nnegozjati għandhom jammontaw għal mhux aktar minn EUR [5-12] biljun.

7.2 **[L-irtirar minn finanzjament abbażi ta' assi ta' inġenji tal-ajru]** F'konformità mal-Lista ta' Impenji tad-Deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2011, OpCo ma għandhiex tkompli l-attivitajiet ta' finanzjament abbażi ta' assi ta' inġenji tal-ajru li ma tkomplewx mill-HSH.

7.3 **[Ir-restrizzjoni tal-kummerċ korporattiv]** OpCo trid tirrestrinġi l-kummerċ tagħha mal-klijenti korporattivi għall-klijenti Ġermaniżi u l-parteċipazzjonijiet domestiċi u barranin tagħhom, u għal klijenti barranin li jfittxu kummerċ fil-Ġermanja. Il-kummerċ huwa ristrett għal ċentri eżistenti, u ma jista' jinfetaħ l-ebda ċentru ġdid.

7.4 **[Id-definizzjoni tal-kummerċ tal-finanzjament ta' bastimenti]** Il-qasam tat-trasport bil-baħar ta' OpCo jaġixxi bħala sieħeb strateġiku għal klijenti, inklużi s-sidien ta' vapur fis-settur globali tat-trasport bil-baħar u tat-tarzni. Għall-kuntrarju tal-qasam tat-trasport bil-baħar, il-qasam tal-kummerċ korporattiv m'għandux ikun attiv fil-finanzjament abbażi ta' assi ta' bastimenti.

7.5 **[It-tnaqqis fil-kummerċ tal-finanzjament ta' bastimenti]** OpCo se tnaqqas mill-kummerċ tagħha ta' finanzjament ta' bastimenti billi tirrestrinġi l-attività kummerċjali ġdida annwali tagħha f'dan il-qasam għal EUR [1-2] biljun. Attività kummerċjali ġdida ta' dan il-kobor ma tikkumpensax għal kollox għar-ripagamenti li attwalment qed jiġu ppjanati.

7.6 **[Ir-rata tal-kambju EUR/USD]** L-impenji fil-punti 7.1 u 7.5 li jirrigwardaw it-total tal-karta tal-bilanċ u l-ambitu ta' attività kummerċjali ġdida fil-qasam tal-finanzjament tal-bastimenti huma bbażati fuq rata medja tal-kambju EUR/USD ta' 1,10. Jekk ir-rata reali tkun inqas minn din ir-rata ta' referenza, l-ammonti massimi msemmija jridu jiġu aġġustati 'l fuq skont kif xieraq.

8 **[Ir-restrizzjoni tat-tkabbir estern]** Sal-aħħar tal-iskadenza tal-bejgħ, mhix permessa espansjoni ta' attivitajiet kummerċjali permezz tal-akkwist tal-kontroll ta' kumpaniji oħrajn (l-ebda tkabbir estern). L-iskambju ta' dejn ma' ekwità u miżuri ta' rutina oħrajn għall-ġestjoni tal-kreditu mhumiex meqjusa bħala espansjoni tal-attivitajiet kummerċjali ħlief jekk imwettqa bl-intenzjoni li jevadu r-restrizzjoni tat-tkabbir imsemmija fl-ewwel sentenza.

9 **[Il-bejgħ ta' partijiet tal-attivitajiet kummerċjali]** Il-bejgħ ta' partijiet jew ta' subpartijiet tal-attivitajiet kummerċjali bl-approvazzjoni tas-sidien tas-settur pubbliku huwa kompatibbli ma' din id-Deċiżjoni.

10 **[Negozjar għan-Nom Proprju]** OpCo ma twettaq l-ebda negozjar għan-nom proprju ddedikat. Dan ifisser li OpCo tkompli twettaq biss l-attivitajiet kummerċjali indikati fil-ktieb tal-kummerċ tagħha li huma meħtieġa, (a) għall-aċċettazzjoni, għat-trasferiment u għat-twettiq tal-ordnijiet ta' bejgħ u xiri tal-klijenti (jiġifieri kummerċ bi strumenti finanzjarji bħala servizz, sa valur imkejjel f'valur fir-riskju (VaR) ta' EUR […] miljun/jum wieħed, 99 % fiduċja) jew (b) għall-kopertura tal-attivitajiet kummerċjali tal-klijenti jew għall-ġestjoni tal-imgħaxijiet u tal-likwidità fis-settur tat-teżor (l-ħekk imsejjaħ kummerċ għall-kont proprju, sa valur imkejjel b'valur fir-riskju (VaR) ta' EUR […] miljun/jum wieħed, 99 % fiduċja) jew (c) sabiex jitwettaq it-trasferiment ekonomiku ta' partiti fuq il-karta tal-bilanċ għall-unità tar-ristrutturar jew għall-partijiet terzi (sa valur imkejjel f'valur fir-riskju (VaR) ta' EUR […] miljun/jum wieħed, 99 % fiduċja). Billi dawk il-pożizzjonijiet jistgħu jittieħdu biss fil-limiti ddefiniti hawn fuq, huma ma jistgħux jippreġudikaw is-sostenibbiltà jew is-sitwazzjoni ta' likwidità ta' OpCo. Taħt l-ebda ċirkostanza OpCo ma għandha twettaq attivitajiet kummerċjali li jservu purament biex isir profitt, lil hinn mill-iskopijiet imsemmija f'(a), (b) jew (c). Barra minn hekk, OpCo se timplimenta b'mod puntwali l-ispeċifikazzjonijiet fir-rekwiżiti superviżorji, "Reviżjoni Fundamentali tal-Ktieb tal-Kummerċ" (FRTB).

11 [Il-likwidità/Il-finanzjament]

Sal-aħħar tal-2016 u l-2017 rispettivament, OpCo se taderixxi mal-proporzjonijiet tal-likwidità li ġejjin:

(a) Proporzjon ta' Ffinanzjar Stabbli Nett (NSFR) u Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR) ta' […] sa […] %. Il-kalkolu għandu jitwettaq abbażi tad-definizzjonijiet ippubblikati f'dak iż-żmien mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.

(b) Il-parti tal-attivitajiet kummerċjali ewlenin tal-bank li jsiru f'USD u li huma ffinanzjati mill-ġdid permezz ta' finanzjament b'USD oriġinali (u mhux permezz ta' swaps) tiżviluppa hekk kif ġej mill-2016 sal-2017: mill-inqas 55 % sal-aħħar tal-2016 u tal-2017 rispettivament.

12 **[Ir-Reklamar]** L-HSH ma għandhiex tuża l-għoti ta' miżuri ta' għajnuna jew xi vantaġġi oħra fuq il-kompetituri li jirriżultaw minnhom għall-iskopijiet ta' reklamar.

13 **[Assigurazzjonijiet rigward il-governanza korporattiva]** Dan li ġej japplika fir-rigward tal-governanza korporattiva ta' OpCo:

(a) Il-membri kollha tal-bord superviżorju jrid ikollhom il-kompetenzi stipulati fl-ewwel sentenza tat-Taqsima 25d(2), fraži 1 tal-Att Bankarju Ġermaniż (Kreditwesengesetz — KWG). Il-membri huma kompetenti jekk huma affidabbli u għandhom l-għarfien meħtieġ biex iwettqu l-funzjonijiet ta' kontroll, u biex jivvalutaw u jimmonitorjaw it-tranżazzjonijiet tal-attivitajiet kummerċjali ta' OpCo.

(b) M'għandux ikun hemm aktar minn sittax-il membru tal-bord superviżorju.

(c) Tal-anqas nofs il-postijiet allokati lil *Länder* ta' Hamburg u ta' Schleswig-Holstein għandhom jiġu okkupati minn esperti esterni.

14 **[Ir-remunerazzjoni tal-korpi, l-impjegati u l-aġenti maħtura]**

14.1 **[Is-sistema tar-remunerazzjoni]** Fil-qafas tal-possibbiltajiet taħt il-liġi ċivili, OpCo se tiżgura li s-sistemi tar-remunerazzjoni tagħha ma jinkoraġġux teħid ta' riskju bla bżonn, huma f'armonija mal-objettivi tal-kumpanija sostenibbli u għal perjodu ta' żmien twil, u li huma trasparenti. Dak l-obbligu għandu jiġi sodisfatt jekk is-sistemi tar-remunerazzjoni ta' OpCo jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-Anness "L-Obbligi ta' HSH" għall–"Kuntratt dwar il-provvista ta' qafas ta' garanzija" tat-2 ta' Ġunju 2009.

Jista' jitħallas bonus xieraq ("bonus ta' privatizzazzjoni") wara l-privatizzazzjoni ta' suċċess. L-ammont massimu mħallas ma jistax jikkawża r-remunerazzjoni totali ta' individwi li tkun f'kunflitt mar-rekwiżiti skont il-punt 14.2.

14.2 Ir-remunerazzjoni totali għar-rappreżentanti u l-impjegati ta' OpCo għandha tkun xierqa, u taħt l-ebda ċirkostanza ma għandha teċċedi ħmistax-il darba s-salarju medju nazzjonali fil-Ġermanja jew għaxar darbiet is-salarju medju f'HSH Nordbank (qabel il-qasma).

15 **[Regoli oħra ta' kondotta]** Fil-kuntest tas-self u tal-investimenti tagħha, OpCo tikkunsidra d-domanda għas-self tal-ekonomija, partikolarment dik ta' attivitajiet kummerċjali żgħar u ta' daqs medju (il-"Mittelstand"), permezz ta' kundizzjonijiet li huma konformi mal-prassi tas-suq u xierqa minn perspettiva superviżorja/bankarja. Il-politika kummerċjali ta' OpCo tkun prudenti, stabbli u orjentata lejn is-sostenibbiltà. OPCO twettaq l-attività kummerċjali bankarja tagħha b'tali mod li jinżamm il-valur tal-assi u tal-attivitajiet kummerċjali, tiżdied il-probabbiltà tal-bejgħ tal-bank, u jiġi żgurat li l-proċess tal-bejgħ huwa kemm jista' jkun possibbli stabbli.

16 **[It-Trasparenza]** Matul l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess mingħajr limitu għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni tista' titlob lil OpCo biex tipprovdi spjegazzjonijiet u kjarifiki. Il-Ġermanja, OpCo u HoldCo għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kummissjoni b'reazzjoni għal kwalunkwe talba marbuta mal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Dan ma jaffettwax il-konformità mar-rekwiżiti tas-segretezza bankarja obbligatorja.

17 **[Il-kanċellazzjoni tal-obbligazzjonijiet]** L-impenji f'dan l-Anness u d-deċiżjoni ta' approvazzjoni preċedenti ma jibqgħux japplikaw mal-bejgħ, jew fi kwalunkwe każ mal-iskadenza tal-iskadenza tal-bejgħ, sakemm xejn għall-kuntrarju ma jiġi ddikjarat b'mod espliċitu fl-impenn rilevanti.

ANNESSI

RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI LINJA B'LINJA — LIVELL TA' FORMAZZJONI

[…] (*)

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.